European Asylum Support Office

# EASO
# Gwida prattika dwar l-aħjar interessi tat-tfal fil-proċeduri ta' asil

*Serje ta' Gwidi Prattiċi tal-EASO*

2019

SUPPORT IS OUR MISSION

**Dikjarazzjoni ta' ċaħda ta' responsabbiltà**

Din it-traduzzjoni ma ġietx ikkontrollata għall-kwalità mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Jekk issib li t-traduzzjoni mhijiex konformi mat-terminoloġija rilevanti fil-livell nazzjonali, jekk jogħġbok ikkuntattja lill-EASO.

Aktar informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-internet (http://europa.eu).

| | | | |
|---|---|---|---|
| Print | ISBN 978-92-9485-178-9 | doi:10.2847/12841 | BZ-03-19-914-MT-C |
| PDF | ISBN 978-92-9485-145-1 | doi:10.2847/092632 | BZ-03-19-914-MT-N |


© L-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (EASO), 2020

La l-EASO u l-ebda persuna oħra li taġixxi f'ismu ma jistgħu jinżammu responsabbli mill-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab f'dan id-dokument.

European Asylum Support Office

# EASO
# Gwida prattika dwar l-aħjar interessi tat-tfal fil-proċeduri ta' asil

*Serje ta' Gwidi Prattiċi tal-EASO*

2019

SUPPORT IS OUR MISSION

# Werrej

**Lista ta' abbrevjazzjonijiet** ..... **5**

**Introduzzjoni** ..... **7**

Għaliex inħolqot din il-gwida prattika? ..... 7

X'tinkludi din il-gwida prattika? ..... 7

X'inhu l-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-gwida prattika? ..... 8

Kif ġiet żviluppata din il-gwida prattika? ..... 8

Kif tista' tintuża din il-gwida? ..... 8

Din il-gwida prattika kif inhi relatata ma' għodod ta' sostenn oħrajn tal-EASO? ..... 9

**Terminoloġija** ..... **10**

Valutazzjoni tal-età ..... 10

Intervista/intervisti dwar l-aħjar interessi ..... 10

Valutazzjoni u determinazzjoni tal-aħjar interessi ..... 10

Tfal/minuri ..... 10

Tfal f'riskju ..... 10

Tfal vittmi tat-traffikar ..... 11

Ir-Regolament ta' Dublin III u l-garanziji proċedurali tar-regolament li jimplimenta Dublin ..... 11

Familja ..... 11

Traċċar tal-familja ..... 11

Tutur/rappreżentant ..... 12

Salvagwardji u garanziji proċedurali ..... 12

Qraba ..... 12

Tfal separati ..... 13

Tfal mhux akkumpanjati ..... 13

**1. L-isfond u l-elementi tal-aħjar interessi tat-tfal** ..... 14

1.1 Approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tat-tfal ..... 15

1.2 Elaborazzjoni tal-kunċett ta' "kunsiderazzjoni primarja" ..... 16

1.3 Natura multidixxiplinari u oġġettiva ..... 17

1.4 Il-proċessi tal-aħjar interessi ..... 17

1.5 L-aħjar interessi tat-tfal u d-dritt tat-tfal li jiġu mismugħa ..... 18

1.6 Ibbilanċjar tal-elementi tal-aħjar interessi tat-tfal ..... 18

**2. Salvagwardji proċedurali** ..... 20

Is-sikurezza ..... 20

Persunal kwalifikat ..... 21

Applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ..... 21

Reġistrazzjoni ..... 21

Prijoritizzazzjoni/adattament tad-durata tal-proċedura ..... 21

Eżenzjoni mill-proċeduri fuq il-fruntiera/aċċellerati/rapidi ..... 22

Il-provvista ta' rappreżentazzjoni legali ..... 22

L-għoti ta' parir legali ..... 22

Il-provvista ta' informazzjoni u ta' interpretazzjoni ..... 23

Is-smigħ tal-fehmiet tat-tfal u l-parteċipazzjoni tat-tfal ..... 23

L-istabbiliment tal-fatti ..... 25

Dokumentazzjoni tal-aħjar interessi tat-tfal ..... 25

Ir-rispett tal-unità tal-familja ..... 26

Valutazzjoni tal-applikazzjoni tat-tfal ... 26
Rakkomandazzjonijiet dwar l-aħjar interessi tat-tfal ... 26
Salvagwardji mhux fis-seħħ ... 27

**3. L-implimentazzjoni tal-aħjar interessi tat-tfal fil-prattika** ... 28
3.1 Kooperazzjoni mas-servizzi ta' protezzjoni tat-tfal ... 28
L-iżgurar tal-aċċess għal drittijiet oħra ... 28
3.2 L-implimentazzjoni tas-salvagwardji proċedurali ... 28
3.3 Iċ-ċirkustanzi individwali tat-tfal ... 31
3.4 Riskji u vulnerabbiltajiet akbar potenzjali ... 31
3.5 Perkorsi proċedurali differenti ... 32
Ir-Regolament ta' Dublin ... 32
Il-proċeduri aċċellerati u fuq il-fruntiera ... 32
Perkorsi proċedurali oħra ... 33
3.6 Il-ħatra ta' qarib/adult li jakkumpanja bħala indokratur/tutur ... 33

**4. L-indikaturi ta' vulnerabbiltà u ta' riskju għat-tfal** ... 34
Tfal akkumpanjati mill-ġenituri ... 34
Tfal separati ... 35
Tfal miżżewġin ... 35
Tfal vittmi ta' traffikar ... 37
Tipi oħra ta' valutazzjoni tal-vulnerabbiltà ... 38

**Anness I — Mudell tal-aħjar interessi** ... 39

**Anness II — Dokumenti ta' politika u ta' gwida ... 41**

**Anness III — Qafas legali ... 42**
Leġiżlazzjoni internazzjonali ... 42
Leġiżlazzjoni tal-UE ... 43
Strumenti legali Nonvinkolanti ... 45

**Anness IV — Biblijografija ... 46**

# Lista ta' abbrevjazzjonijiet

| | |
|---|---|
| **APD** | DIRETTIVA TAL-KUNSILL 2005/85/KE ta' l-1 ta' Diċembru 2005 dwar standards minimi għal proċeduri fl-Istati Membri għall-għoti u l-irtirar ta' l-istatus ta' rifuġjat |
| **APD (riformulazzjoni)** | Id-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (riformulazzjoni) |
| **Id-Direttiva Kontra** | Id-Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April |
| **t-Traffikar** | 2011 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/629/ĠAI |
| **AT** | L-Awstrija |
| **BE** | Il-Belġju |
| **BG** | Il-Bulgarija |
| **BIA** | Valutazzjoni tal-aħjar interessi |
| **BIC** | L-aħjar interessi tat-tfal |
| **BID** | Determinazzjoni tal-aħjar interessi |
| **SEKA** | Sistema Ewropea Komuni tal-Asil |
| **CH** | L-Iżvizzera |
| **CP** | Protezzjoni tat-tfal |
| **CRC** | Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal (1989) |
| **Kumitat CRC** | Il-Kumitat tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal |
| **CY** | Ċipru |
| **DE** | Il-Ġermanja |
| **DK** | Id-Danimarka |
| **Regolament ta' Dublin III** | Ir-Regolament ta' Dublin III (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (tfassil mill-ġdid) |
| **EASO** | Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil |
| **EE** | L-Estonja |
| **EL** | Il-Greċja |
| **ES** | Spanja |
| **UE** | Unjoni Ewropea |
| **Stati tal-UE+** | L-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea flimkien man-Norveġja, mal-Iżvizzera, mal-Iżlanda u mal-Liechtenstein |
| **M/QĠF** | mutilazzjoni/qtugħ ġenitali femminili |
| **FI** | Il-Finlandja |
| **FR** | Franza |
| **FRA** | Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali |
| **HU** | L-Ungerija |
| **IE** | L-Irlanda |
| **IT** | L-Italja |
| **IPSN** | Għodda għall-identifikazzjoni ta' persuni bi bżonnijiet speċjali |

| | |
|---|---|
| **LV** | Il-Latvja |
| **SM** | L-Istat(i) Membru/i tal-Unjoni Ewropea |
| **NL** | In-Netherlands |
| **LE** | In-Norveġja |
| **PL** | Il-Polonja |
| **DSA (riformulazzjoni)** | Id-Direttiva 2013/33/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali (tfassil mill-ġdid), direttiva l-istandards dwar l-akkoljenza |
| **RO** | Ir-Rumanija |
| **SE** | L-Iżvezja |
| **SI** | Is-Slovenja |
| **SK** | Is-Slovakkja |
| **THB** | It-traffikar ta' bnedmin |
| **DK** | direttiva kwalifika |
| **DK (riformulazzjoni)** | Id-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (riformulazzjoni) |
| **UNHCR** | Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati |

# Introduzzjoni

## Għaliex inħolqot din il-gwida prattika?

L-istrumenti legali li jsawru s-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil (SEKA) jaffermaw l-obbligu tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea flimkien mal-Liechtenstein, man-Norveġja, mal-Iżlanda u mal-Iżvizzera (Stati tal-UE+) biex jivvalutaw u jagħtu kunsiderazzjoni primarja lill-aħjar interessi tat-tfal (BIC) fl-azzjonijiet kollha li jikkonċernaw lit-tfal (¹). Il-*Gwida prattika dwar l-aħjar interessi tat-tfal fil-proċeduri ta' asil* (gwida prattika) ġiet żviluppata biex issostni lill-Istati tal-UE+ fiż-żamma tal-konformità mal-obbligi tagħhom relatati mal-BIC.

L-**aħjar interessi tat-tfal** iridu jiġu vvalutati u jitqiesu bħala kunsiderazzjoni primarja (²) fl-azzjonijiet jew fid-deċiżjonijiet kollha li jikkonċernawhom (³). Madankollu, bħalissa, il-biċċa l-kbira tal-Istati tal-UE+ m'għandhomx proċess stabbilit għall-implimentazzjoni ta' dan l-obbligu legali fi ħdan is-sistemi tal-asil. F'komunikazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tat-12 ta' April 2017, il-Kummissjoni Ewropea appellat lill-aġenziji tal-UE biex ikomplu jiżviluppaw gwida u għodod dwar l-aħjar interessi tat-tfal. Is-sejbiet ivvalidati tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil (EASO) li jimmappjaw fuq il-proċeduri tal-protezzjoni internazzjonali għat-tfal, ikkonfermaw il-ħtieġa għal gwida dwar kif jiġi implimentat fil-prattika l-għoti ta' kunsiderazzjoni primarja lill-aħjar interessi tat-tfal.

L-għan ta' din il-gwida prattika hu li tgħin biex jiġu identifikati u enfasizzati l-istadji u l-aspetti ewlenin għall-implimentazzjoni tal-aħjar interessi tat-tfal. Dan isir biex jingħata sostenn lill-Istati tal-UE+ fl-applikazzjoni tal-prinċipju tal-aħjar interessi u biex jissaħħu l-garanziji fi ħdan il-proċeduri ta' asil għat-tfal. L-Istati tal-UE+ għandhom jistabbilixxu proċessi ta' asil mfassla apposta għat-tfal li jiżguraw il-protezzjoni tat-tfal matul il-proċedura sħiħa f'konformità mal-liġi tal-UE u dik internazzjonali.

## X'tinkludi din il-gwida prattika?

Il-gwida prattika għandha l-għan li tipprovdi gwida u sostenn lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti dwar il-garanziji u s-salvagwardji meħtieġa li se jiżguraw li l-aħjar interessi tat-tfal jingħataw kunsiderazzjoni primarja meta jittieħdu deċiżjonijiet li jaffettwaw lit-tfal fil-proċeduri ta' asil. Hi maqsuma f'ħames taqsimiet li jinkludu ħarsa ġenerali lejn it-terminoloġija; 1. l-isfond u l-elementi tal-aħjar interessi tat-tfal; 2. il-garanziji rilevanti; 3. gwida dwar kif jiġu vvalutati l-aħjar interessi fil-prattika; u 4. l-indikaturi ta' vulnerabbiltà u ta' riskju. Fl-aħħar, il-gwida prattika tippreżenta lista ta' kontroll komprensiva, imfassla biex tiżgura li l-istadji kollha jitwettqu mill-awtoritajiet responsabbli u jittieħdu f'kunsiderazzjoni kif xieraq meta jiġu vvalutati l-aħjar interessi tat-tfal. Il-gwida hi komplimentata b'sett ta' annessi; kumpilazzjoni ta' dokumenti ta' politika u ta' gwida rilevanti għas-suġġett u ħarsa ġenerali lejn il-qafas legali inklużi strumenti legali internazzjonali, Ewropej u tal-UE.

(¹) Ta' min jinnota li l-*acquis* tal-UE dwar l-asil juża t-terminu "minorenni", li hu ekwivalenti għat-terminu "tfal". It-tnejn jirreferu għal persuna taħt it-18-il sena. Ara wkoll it-Terminoloġija.

(²) Artikolu 24, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali; Ara wkoll il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-protezzjoni tat-tfal fil-migrazzjoni, 12 ta' April 2017, COM(2017) 211 finali, p. 14 (Protezzjoni tat-tfal fil-migrazzjoni).

(³) Il-Kumitat CRC Kumment Ġenerali Nru 14 (2013) dwar id-dritt tat-tfal li jkollhom l-aħjar interessi tagħhom meħuda bħala kunsiderazzjoni primarja (art. 3, para. 1), 29 ta' Mejju 2013, CRC /C/GC/14; Għal gwida tal-UNHCR dwar l-aħjar interessi, ara UNHCR, *Safe & Sound: what States can do to ensure respect for the best interests of unaccompanied and separated children in Europe*, Ottubru 2014; UNHCR u l-Kumitat Internazzjonali ta' Sokkors, *Field Handbook for the Implementation of UNHCR BID Guidelines*, 2011.

# X'inhu l-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-gwida prattika?

Il-kamp ta' applikazzjoni tal-gwida prattika hu limitat għal kif tingħata kunsiderazzjoni primarja lill-aħjar interessi tat-tfal fil-proċeduri ta' asil (4), u tindirizza biss lil tfal (ma' familji u mhux akkumpanjati) li applikaw jew esprimew ir-rieda tagħhom li japplikaw (5) għal protezzjoni internazzjonali. F'sitwazzjonijiet li fihom perkorsi proċedurali għajr tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali jistgħu jkunu fl-aħjar interessi tat-tfal, għandhom jiġu rakkomandati soluzzjonijiet xierqa mill-awtoritajiet rilevanti, (panel magħmul minn tutur, mill-awtoritajiet tal-migrazzjoni, minn prosekuturi pubbliċi), skont il-liġi u/jew il-prattika nazzjonali. Il-valutazzjoni tal-aħjar interessi tat-tfal għall-fini tal-akkoljenza (skont it-tifsira tal-RCD (riformulazzjoni)) jew għal perkorsi proċedurali oħra ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-gwida prattika.

Din il-gwida prattika tiffoka fuq il-proċeduri ta' asil. It-tfal għandhom ikunu jistgħu jieħdu deċiżjoni libera u informata biex japplikaw għal protezzjoni internazzjonali. Il-ġenituri/it-tutur/ir-rappreżentant u/jew l-atturi tal-Protezzjoni tat-Tfal (CP) jistgħu jivvalutaw kontinwament jekk huwiex fl-aħjar interessi tat-tfal li jipproċedu bl-applikazzjoni. L-iżgurar li l-BIC huma rrispettati jeħtieġ il-kooperazzjoni fost l-atturi rilevanti kollha b'kompetenza fil-valutazzjoni kontinwa tal-aħjar interessi tat-tfal, skont il-liġi u/jew il-prattika nazzjonali. Il-protezzjoni tat-tfal u l-valutazzjoni tal-BIC imorru lil hinn mill-proċedura ta' asil, u b'hekk hi meħtieġa kollaborazzjoni kontinwa mal-awtoritajiet tas-CP u ma' atturi oħra b'mod olistiku, bħall-awtorità tal-akkoljenza, it-tutur/ir-rappreżentant u l-konsulenti legali.

Il-gwida prattika biħsiebha ssostni l-operalizzazzjoni tal-implimentazzjoni tal-prinċipju tal-aħjar interessi fil-proċeduri ta' asil, f'konformità mal-*acquis* tal-UE u ma' leġiżlazzjoni rilevanti oħra tal-UE (6). Ġiet żviluppata bil-fehim li fi Stati differenti tal-UE+ hemm prattiki u atturi differenti involuti fl-aħjar interessi tat-tfal u hu f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali li jiżguraw li l-garanziji ta' protezzjoni u s-salvagwardji rilevanti kollha ġew implimentati matul il-proċeduri ta' asil.

# Kif ġiet żviluppata din il-gwida prattika?

Din il-gwida prattika ġiet żviluppata mill-EASO bl-appoġġ ta' grupp ta' esperti mill-BE, mid-DK, mill-FI, mill-IE, min-NO u mir-RO kif ukoll tal-Kummissjoni Ewropea, tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA), tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati (UNHCR) u tal-Fond tan-Nazzjonijiet Uniti għat-Tfal (Unicef). Barra minn hekk, il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati tal-UE+, u l-organizzazzjonijiet internazzjonali ġew ikkonsultati. Hi l-prodott ta' esperjenza kombinata, li tirrifletti l-objettiv kondiviż li jinkisbu proċeduri ta' protezzjoni internazzjonali ta' kwalità għolja. Barra minn hekk, il-gwida prattika tieħu f'kunsiderazzjoni l-aħjar prattiki identifikati fil-kuntest tas-sostenn tal-EASO għall-iskema ta' rilokazzjoni (7) fl-EL u fl-IT meta jitwettqu l-valutazzjonijiet tal-aħjar interessi (BIA) tat-tfal eliġibbli għar-rilokazzjoni.

# Kif tista' tintuża din il-gwida?

Il-gwida prattika tipprovdi gwida ġenerika u tista' tintuża bħala punt ta' riferiment jew sors ta' ispirazzjoni biex jiġu aġġornati u/jew jittejbu proċeduri operattivi standard speċifiċi żviluppati għat-tfal fil-livell nazzjonali.

(4) Xi SM jwettqu BIA fl-istadju tal-akkoljenza b'mod separat mill-proċeduri ta' protezzjoni internazzjonali.

(5) Dan hu mingħajr preġudizzju għall-arranġamenti f'xi SM li jippermettu lit-tfal jagħmlu applikazzjoni huma stess jew permezz tal-ġenituri jew tar-rappreżentanti tagħhom (Artikolu 7(3) APD (riformulazzjoni)) u jinkludi l-mili, ir-reġistrazzjoni tal-mili u l-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali fid-dawl tal-implikazzjonijiet differenti tagħhom (Artikolu 6 tal-APD (riformulazzjoni)).

(6) Fost l-oħrajn, dispożizzjonijiet rilevanti stabbiliti fid-Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/629/ĠAI (ĠU L 101, 15.4.2011, p. 1) (id-Direttiva Kontra t-Traffikar).

(7) Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1523 tal-14 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi miżuri proviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja u tal-Greċja.

Il-lista ta' kontroll tal-aħjar interessi proposta fil-gwida ser issostni u tiżgura l-proċess dejjem għaddej ta' ġbir u ta' valutazzjoni tal-informazzjoni. Se tippermetti lill-assessur biex jivverifika jekk l-informazzjoni u s-salvagwardji rilevanti ġewx ipprovduti bil-kunsiderazzjoni xierqa tal-protezzjoni/tas-sigurtà tad-*data*.

Il-gwida prattika tista' tintuża flimkien ma' leġiżlazzjoni tal-UE, internazzjonali u nazzjonali rilevanti, b'rispett ta' approċċ iffokat fuq id-drittijiet tat-tfal ([8]). Barra minn hekk, diversi dokumenti ta' politika u ta' gwida eżistenti dwar il-BIC ġew żviluppati u ntużaw meta ġiet elaborata l-gwida preżenti dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-prinċipju. Materjal ta' referenza ulterjuri hu disponibbli fid-Dokumenti ta' Politika u ta' Gwida (Anness III) ta' din il-gwida.

## Din il-gwida prattika kif inhi relatata ma' għodod ta' sostenn oħrajn tal-EASO?

Il-missjoni tal-EASO hi li jappoġġja lill-Istati tal-UE+ fl-implimentazzjoni tas-SEKA permezz ta', fost oħrajn, taħriġ komuni, standards tal-kwalità komuni u informazzjoni komuni dwar il-pajjiż tal-oriġini. Bħall-għodod ta' sostenn kollha tal-EASO, din il-gwida prattika hi bbażata fuq l-istandards komuni tas-SEKA. Il-gwida għandha titqies bħala komplimentari għall-għodod disponibbli l-oħra tal-EASO, b'mod partikolari l-*Practical guide on age assessment*, il-*Practical guide on family tracing* u l-modulu tat-taħriġ dwar l-*Intervistar* tat-tfal.

([8]) Ara d-dokumenti ta' Politika u ta' Gwida (Anness II) u l-Qafas Legali (Anness III).

# Terminoloġija

## *Valutazzjoni tal-età*

Il-valutazzjoni tal-età hi l-proċess li bih l-awtoritajiet ifittxu li jistmaw l-età kronoloġika, jew il-medda ta' età, ta' persuna biex jistabbilixxu jekk individwu huwiex tfal jew adult (9).

## *Intervista/intervisti dwar l-aħjar interessi*

L-intervisti dwar l-aħjar interessi jirreferu għal intervisti mat-tfal, mat-tutur tat-tfal jew ma' kwalunkwe persuna oħra responsabbli għall-kura u għall-protezzjoni tat-tfal. Ċerti Stati Membri jistgħu jagħmlu aktar minn intervista dedikata waħda mat-tfal. Dawn l-intervisti jsiru biex jiġu vvalutati l-aħjar interessi tat-tfal fuq bażi kontinwa. Dawn jistgħu jkunu separati mill-intervista personali jew minn kwalunkwe intervista oħra jew parti minnha (intervista għat-traċċar tal-familja/intervista għall-valutazzjoni tal-vulnerabbiltà, eċċ.). It-twettiq ta' tali intervisti għandu jkun informat mill-fatt li l-valutazzjoni tal-aħjar interessi tat-tfal individwali hi proċess kontinwu u mhux eżerċizzju ta' darba. It-teħid tal-aħjar interessi tat-tfal bħala kunsiderazzjoni primarja hu integrali għad-deċiżjonijiet u għall-proċedimenti kollha, inklużi l-intervisti. Jista' jiġi aġġornat u rieżaminat.

## *Valutazzjoni u determinazzjoni tal-aħjar interessi* (10)

Hekk kif il-Kumitat tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal (Kumitat CRC) jinterpreta b'mod awtorevoli l-BIA:

> din hi attività unika li għandha titwettaq f'kull każ individwali […], tikkonsisti fl-evalwazzjoni u fl-ibbilanċjar tal-elementi neċessarji kollha li jsawru deċiżjoni fis-sitwazzjoni speċifika għal wild individwali speċifiku jew għal grupp ta' tfal.
>
> […] Id-"determinazzjoni tal-aħjar interessi" tiddeskrivi l-proċess formali b'salvagwardji proċedurali stretti mfassla biex jiġu ddeterminati l-aħjar interessi tat-tfal fuq il-bażi tal-valutazzjoni tal-aħjar interessi (11).

## *Tfal/minuri*

Fil-leġiżlazzjoni tal-UE, it-termini "tfal" u "minuri" jintużaw biex jirreferu għal kwalunkwe persuna li m'għalqitx it-18-il sena. Ta' min jinnota wkoll li l-*acquis* tal-UE dwar l-asil juża t-terminu "minuri", li hu ekwivalenti għal "tfal" kif jintuża f'din il-gwida peress li s-suġġett tagħha, b'mod partikolari "l-aħjar interessi tat-tfal", hu prinċipju tal-liġi internazzjonali pubblika li tirriżulta mill-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal (CRC).

## *Tfal f'riskju*

Tirreferi għal kwalunkwe tifel/tifla li jistgħu jkunu qed jaffaċċjaw riskju partikolari, indipendentement mill-kompożizzjoni/mis-sitwazzjoni tal-familja; it-tfal jistgħu jkunu mhux akkumpanjati, separati jew akkumpanjati mill-ġenituri tagħhom. Ir-riskji li t-tfal jistgħu jaffaċċjaw jistgħu jinkludu, iżda mhumiex limitati għal, dannu fiżiku u mentali, vjolenza sesswali u dik ibbażata fuq is-sess u forom oħra ta' abbuż

(9) EASO, *Practical guide on age assessment*, 2018; Definizzjoni fil-Glossarju tal-EMN tal-valutazzjoni tal-età disponibbli fuq https://ec.europa.eu/home-affairs/content/age-assessment_en; Għal aktar informazzjoni dwar il-BIC u l-valutazzjoni tal-età, ara wkoll il-Kumitat CRC, Kumment ġenerali Nru 6 (2005), It-trattament ta' tfal mhux akkumpanjati u separati barra l-pajjiż ta' oriġini tagħhom, 1 ta' Settembru 2005, CRC/GC/2005/6, taqsima V.A, para. 31(i).

(10) Il-BID taqa' barra l-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-gwida prattika.

(11) Il-Kumitat CRC, Kumment Ġenerali Nru 14 (2013) dwar id-dritt tat-tfal li jkollhom l-aħjar interessi tagħhom meħuda bħala kunsiderazzjoni primarja (art. 3, para. 1), 29 ta' Mejju 2013, CRC /C/GC/14.

jew ta' sfruttament, żwieġ sfurzat u bikri, mutilazzjoni/qtugħ ġenitali femminili (M/QĠF), problemi tas-saħħa mentali, riskju ta' ħsara kkawżata mill-istess persuna/suwiċidju, eċċ.

It-tfal f'riskju jinkludu vittmi tfal ta' THB jew f'riskju ta' dan, is-superstiti ta' forom serji ta' vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali u bbażata fuq is-sess, inklużi l-M/QĠF, ta' żwieġ sfurzat u bikri, ta' dannu mentali u fiżiku, u ta' forom oħra ta' abbuż jew ta' sfruttament, tfal kapijiet tal-familja, tfal apolidi, ommijiet adoloxxenti, tfal li kienu parti minn gruppi armati, tfal li jbatu minn mard serju, tfal bi problemi tas-saħħa mentali, eċċ.

## *Tfal vittmi tat-traffikar (jew f'riskju li jiġu ttraffikati)*

Tirreferi għal kwalunkwe tifel/tifla li għalihom ikun hemm indikazzjoni b'bażijiet raġonevoli għaliex wieħed jemmen li jistgħu jkunu ttraffikati anki meta l-isfruttament ma jkunx għadu seħħ ([12]). Tfal vittmi jew vittmi potenzjali tat-traffikar huma intitolati għal assistenza u għal sostenn b'kunsiderazzjoni taċ-ċirkustanzi speċjali tagħhom ([13]).

## *Ir-Regolament ta' Dublin III u l-garanziji proċedurali tar-regolament li jimplimenta Dublin*

Ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (tfassil mill-ġdid) ([14]). Ir-Regolament ta' Dublin III jirreferi għall-garanziji proċedurali bħall-ħatra ta' rappreżentant u l-aċċess ta' dan għad-dokumenti rilevanti kollha, fost l-oħrajn ([15]).

## *Familja*

It-terminu familja għandu jiġi interpretat f'sens wiesa' li jinkludi ġenituri bijoloġiċi, adottivi jew tar-rispett, aħwa jew, fejn applikabbli, il-membri tal-familja estiża jew tal-komunità ([16]).

## *Traċċar tal-familja*

It-tfittxija għall-membri tal-familja (li jinkludu qraba jew eks indokraturi ta' tfal mhux akkumpanjati) bl-iskop li jiġu restawrati r-rabtiet familjari u r-riunifikazzjoni familjari meta dan ikun fl-aħjar interessi tat-tfal ([17]).

---

([12]) It-traffikar ta' bnedmin (THB) għadu forma ferm profittabbli ta' kriminalità serja u organizzata, ipprojbita b'mod espliċitu fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, b'mod speċifiku fl-Artikolu 5, kif ukoll fl-Artikoli 79 u 83 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. L-Artikolu 2 tad-direttiva kontra t-traffikar jipprovdi definizzjoni tar-reat ta' THB, inkluż b'referenza speċifika għall-vittmi tfal. L-Artikolu 11(2) tad-direttiva kontra t-traffikar. It-traffikar ta' tfal għal sfruttament sesswali, bil-vittmi li fil-parti l-kbira jkunu bniet, u l-kriminalità sfurzata, huma rapportati li qed jiżdiedu. Il-kriżi tal-migrazzjoni ġiet sfruttata min-netwerks tat-traffikar biex jixħtu fil-mira tagħhom l-aktar vulnerabbli, b'mod partikolari lit-tfal, u hemm tħassib ġenerali dwar riskju li qed jikber ta' traffikar għal sfruttament sesswali. Ara r-Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-progress li sar fil-ġlieda kontra t-THB, 19 ta' Mejju 2016, COM(2016) 267 finali (Rapport dwar il-progress); Europol, *Situation Report: Trafficking in human beings in the EU*, 765175, Frar 2016 (Rapport dwar is-Sitwazzjoni).

([13]) Ara l-Artikoli 13-16 tad-direttiva dwar il-ġlieda kontra t-traffikar; Għal ħarsa ġenerali lejn id-drittijiet fl-UE tal-vittmi ta' THB, ara l-Kummissjoni Ewropea, *Id-drittijiet tal-UE għall-vittmi tat-traffikar ta' bnedmin*, 2013.

([14]) Regolament ta' Dublin III.

([15]) L-Artikolu 6(2) tar-Regolament ta' Dublin III.

([16]) Il-Kumitat CRC, Kumment Ġenerali Nru 6 (2005), It-trattament ta' tfal mhux akkumpanjati u separati barra l-pajjiż ta' oriġini tagħhom, 1 ta' Settembru 2005, CRC/GC/2005/6, premessa 19 QD (riformulazzjoni).

([17]) Il-Kumitat CRC, Kumment Ġenerali Nru 6 (2005), It-trattament ta' tfal mhux akkumpanjati u separati barra l-pajjiż ta' oriġini tagħhom, 1 ta' Settembru 2005, CRC/GC/2005/6; l-Artikolu 6(4) tar-Regolament ta' Dublin III u d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 24(3) RCD (riformulazzjoni) u QD (riformulazzjoni); Ara wkoll EASO, *Practical Guide on Family Tracing*, 2016.

## *Tutur/rappreżentant* ([18])

L-użu tat-termini tutur, rappreżentant u rappreżentant legali hu inkonsistenti/ivarja fil-qafas internazzjonali/tal-UE. F'din il-gwida prattika, it-termini "tutur/rappreżentant" se jintużaw flimkien.

**Tutur** hu persuna indipendenti li jissalvagwardja l-aħjar interessi u l-benesseri ġenerali tat-tfal, u għal dan l-għan jikkomplimenta l-kapaċità legali limitata tat-tfal. It-tutur jaġixxi bħala rappreżentant statutorju tat-tfal fil-proċedimenti kollha bl-istess mod bħalma ġenitur jirrappreżenta lil uliedu ([19]).

**Rappreżentant** hu definit bħala "persuna jew organizzazzjoni maħtura mill-korpi kompetenti biex tassisti u tirrappreżenta lil [tfal] mhux akkumpanjati fi proċeduri ta' [protezzjoni internazzjonali] … bl-għan li tiżgura l-aħjar interessi tat-tfal u teżerċita l-kapaċità legali għat-[tfal] fejn ikun hemm bżonn. […]" ([20]).

Ir-rwol tar-rappreżentant ivarja minn dak tar-**rappreżentant legali**, li hu l-konsulent legali jew avukat/professjonist legali kwalifikat "li jipprovdi assistenza legali, jitkellem f'isem it-tfal u jirrappreżentahom legalment f'dikjarazzjonijiet bil-miktub u b'mod personali fi proċedimetni ta' asil jew legali oħra kif previsti fil-liġi nazzjonali" ([21]).

## *Salvagwardji u garanziji proċedurali*

Il-garanziji proċedurali huma miżuri speċifiċi ta' sostenn implimentati biex joħolqu l-kundizzjonijiet li huma neċessarji għal persuni bi bżonnijiet speċjali biex ikollhom aċċess effettiv għall-proċeduri u jippreżentaw l-elementi meħtieġa biex jissostanzjaw l-applikazzjoni tagħhom għal protezzjoni internazzjonali. Dawn jippermettu lill-applikanti bi bżonnijiet speċjali jibbenefikaw mid-drittijiet tagħhom u jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont id-direttiva dwar il-proċeduri ta' asil (APD (riformulazzjoni)) ([22]).

Fir-Regolament ta' Dublin III, "salvagwardji proċedurali" tirreferi għad-dispożizzjonijiet relatati mal-appell. Il-Kumment Ġenerali Nru 14 tas-CRC jelenka kemm il-garanziji kif definiti hawn fuq, kif ukoll is-salvagwardji proċedurali bħad-dritt tas-smigħ u d-dritt ta' appell.

## *Qraba*

Iz-zija, iz-ziju jew in-nanniet adulti tat-tfal preżenti fit-territorju ta' Stat Membru, indipendentement minn jekk it-tfal twildux ġewwa jew barra ż-żwieġ jew ġewx adottati kif definiti skont il-liġi nazzjonali ([23]). Jekk jinħatru b'mod formali minn awtorità rilevanti, f'din il-gwida jissejħu wkoll **indokratur** ([24]).

([18]) Għal gwida ulterjuri dwar it-terminoloġija, ara FRA, *Handbook on Guardianship for children deprived of parental care*, Ġunju 2014, pp. 14-15.

([19]) Il-Kumitat CRC, Kumment Ġenerali Nru 6 (2005), It-trattament ta' tfal mhux akkumpanjati u separati barra l-pajjiż ta' oriġini tagħhom, 1 ta' Settembru 2005, CRC/GC/2005/6; Assemblea Ġenerali tan-NU, Guidelines for the Alternative Care of Children: resolution/adopted by the General Assembly, 24 ta' Frar 2010, A/RES/64/142; FRA, *Handbook on Guardianship for children deprived of parental care*, Ġunju 2014 jipprovdi gwida dwar kif jiġu stabbiliti u jitħaddmu s-sistemi nazzjonali ta' tutela, u jindika l-kompiti ewlenin li għandu jwettaq tutur. Il-kunċett ta' tutur fid-dokumenti tan-NU hu usa' minn dak fl-*acquis* tal-UE.

([20]) L-Artikolu 2(n) APD (riformulazzjoni) u l-Artikolu 2(j) RCD (riformulazzjoni).

([21]) FRA, *Handbook on Guardianship for children deprived of parental care*, Ġunju 2014.

([22]) Il-Premessa 29 u l-Artikolu 2(d) APD (riformulazzjoni).

([23]) L-Artikolu 2(h) tar-Regolament ta' Dublin III.

([24]) Mingħajr preġudizzju għall-Istati Membri li jqisu "l-indokrar" bħala kompitu ta' istituzzjoni, ta' amministratur ta' ċentru ta' kenn u ta' atturi oħra lil hinn mill-qraba. F'xi Stati Membri, indokratur hu persuna/istituzzjoni inkarigata mill-kura ta' kuljum tat-tfal, jiġifieri l-akkomodazzjoni, l-ikel, l-attendenza għall-iskola, eċċ.

## *Tfal separati*

Tfal li jkunu ġew separati mill-“adulti kollha responsabbli minnhom kemm jekk skont il-liġi jew inkella skont il-prattika tal-Istat Membru kkonċernat” iżda mhux bilfors minn qraba oħra. Għaldaqstant, dawn jistgħu jinkludu tfal akkumpanjati minn membri tal-familja jew minn qraba adulti oħra[25] It-terminu ma jidhirx fl-*acquis* attwali tal-UE dwar l-asil. Fl-*acquis* tal-UE dwar l-asil, tfal separati jaqgħu taħt il-kategorija ta’ tfal mhux akkumpanjati.

## *Tfal mhux akkumpanjati*

Tfal li jaslu fit-territorju tal-Istat Membru mhux akkumpanjati minn adult responsabbli minnhom skont il-liġi jew inkella skont il-prattika tal-Istat Membru kkonċernat, u sakemm ma jittiħdux b’mod effettiv taħt ir-responsabbiltà ta’ tali persuna/adult; tinkludi tfal li jitħallew mhux akkumpanjati wara li jidħlu fit-territorju tal-Istat Membru ([26]).

([25]) Il-Kumitat CRC, Kumment Ġenerali Nru 6 (2005): It-trattament ta’ tfal mhux akkumpanjati u separati barra l-pajjiż ta’ oriġini tagħhom, 1 ta’ Settembru 2005, CRC/GC/2005/6, taqsima III, para. 8.

([26]) L-Artikolu 2(e) RCD (riformulazzjoni); l-Artikolu 2(m) APD (riformulazzjoni); l-Artikolu 2(l) QD (riformulazzjoni); l-Artikolu 2(j) tar-Regolament ta’ Dublin III; l-Artikolu 2(f) tad-direttiva dwar ir-riunifikazzjoni tal-familji; il-Kumitat CRC, Kumment Ġenerali Nru 6 (2005): It-Trattament ta’ Tfal Mhux akkumpanjati u Separati Barra l-Pajjiż ta’ Oriġini tagħhom, 1 ta’ Settembru 2005, CRC/GC/2005/6, taqsima III, para. 7; Ara wkoll il-UNHCR u l-Unicef, *Safe and Sound: what States can do to ensure respect for the best interests of unaccompanied and separated children in Europe*, 2014, p. 22.

# 1. L-isfond u l-elementi tal-aħjar interessi tat-tfal

L-aħjar interessi tat-tfal huma **dritt, prinċipju u regola tal-proċedura** inkorporati sew fil-liġi internazzjonali u Ewropea, u mogħtija aktar prominenza fil-proposti ta' riformulazzjoni skont is-SEKA([27]). L-Artikolu 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jiddikjara li "Fl-azzjonijiet kollha relatati mat-tfal, kemm jekk jittieħdu minn awtoritajiet pubbliċi kif ukoll minn istituzzjonijiet privati, l-aħjar interessi tat-tfal għandu jkun kunsiderazzjoni primarja" ([28]) u l-Artikolu 3 tas-CRC jiddikjara li "Fl-azzjonijiet kollha li jikkonċernaw it-tfal ... l-aħjar interessi tat-tfal għandhom ikunu kunsiderazzjoni primarja" ([29]). L-obbligu li jiġu żgurati l-aħjar interessi tat-tfal bħala kunsiderazzjoni primarja ġie mtenni fl-*acquis* tal-UE dwar l-asil ([30]).

> L-għoti ta' kunsiderazzjoni primarja lill-BIC hu proċess kontinwu li jeħtieġ valutazzjoni qabel ma tittieħed kwalunkwe deċiżjoni amministrattiva importanti. Il-proċessi tal-BIC għandhom jibdew qabel il-proċedura ta' asil u jkomplu warajha.
> Filwaqt li t-tfal ikunu fil-proċedura ta' asil, il-valutazzjoni tal-BIC tibqa' obbligu tas-CP, tal-asil u ta' atturi oħra.
> — L-atturi tas-CP ser ikunu qed iwettqu fl-istess ħin BIA għal skopijiet multipli (akkoljenza, edukazzjoni, kustodja, eċċ.);
> — Madankollu, dan ma jeħlisx lill-awtoritajiet tal-asil mir-responsabbiltà tagħhom li jagħtu kunsiderazzjoni primarja lill-BIC fl-istadji kollha tal-proċedura ta' asil.
> Dawn il-valutazzjonijiet m'għandhomx ikunu jeskludu lil xulxin. Għandhom isostnu lil xulxin, biex il-proċessi kollha jkunu jistgħu jibbenefikaw mis-sinerġiji neċessarji u jevitaw trikkib.




([27]) Is-CRC hi disponibbli fuq https://www.ohchr.org/Documents/ProfessionalInterest/crc.pdf
([28]) Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea hi disponibbli fuq https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:12012P/TXT&from=EN
([29]) Il-Kummissjoni Ewropea, "Drittijietek fl-UE" disponibbli online fuq http://ec.europa.eu/justice/fundamental-rights/files/rights_child/ceas_provision_on_children_table_updated.pdf
([30]) Ara d-Dokumenti ta' Politika u ta' Gwida (Anness III).

**Is-sejbiet tal-immappjar tal-EASO dwar il-Proċeduri ta' Asil għat-tfal**

Skont is-sejbiet validati tal-immappjar tal-EASO 2017, il-valutazzjoni tal-BIC tista' sseħħ f'mumenti differenti, f'ċerti każijiet qabel il-bidu tal-proċedura ta' asil (**IE** u **SK** ([31])), jew fi stadju speċifiku tal-proċedura, pereżempju meta t-tfal ikunu applikaw għal protezzjoni internazzjonali bħal fil-każ tal-**BG** u fil-**EL** (meta l-prosekutur ikun debitament infurmat ([32])). Fil-PL, il-valutazzjoni titwettaq meta tkun qed tittieħed deċiżjoni dwar protezzjoni internazzjonali.

Madankollu, bosta rispondenti ddikjaraw li l-valutazzjoni tista' sseħħ fl-istadji kollha tal-proċedura ta' asil. Dan huwa l-każ f'16-il Stat UE+ (**AT, BE, CH, CY, DE, DK, EE, ES, FI, FR** ([33])**, IT, LV, NO, SE, SI** u **SK**). B'mod aktar partikolari, fi ES u fil-FI, il-valutazzjoni tal-BIC isseħħ fiċ-ċentri tal-akkoljenza.

## 1.1 Approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tat-tfal

Din il-gwida prattika tenfasizza li l-awtoritajiet nazzjonali huma marbuta b'approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tat-tfal u fuq id-drittijiet għall-BIC. Il-Kumment Ġenerali Nru 14 (2013) tal-Kumitat CRC dwar id-dritt tat-tfal li l-aħjar interessi tagħhom jittieħdu bħala kunsiderazzjoni primarja jipprovdi interpretazzjoni u gwida awtorevoli għall-partijiet statali dwar kif jimplimentaw dan. Dan jinkludi salvagwardji proċedurali biex tiġi ggarantita l-implimentazzjoni tagħhom ([34]). Approċċ iffokat fuq id-drittijiet tat-tfal għall-kuntrarju ta' approċċ iffokat fuq l-istat:

> […] isaħħaħ l-eżerċizzju tad-drittijiet tat-tfal kollha kif stipulati fil-Konvenzjoni bl-iżvilupp tal-kapaċità ta' min ikun responsabbli biex jissodisfa l-obbligi tiegħu li jirrispettaw, iħares u jwettaq id-drittijiet (Art. 4) u l-kapaċità tad-detenturi ta' drittijiet li jisfruttaw drittijiethom, iggwidati f'kull ħin mid-drittijiet għal nondiskriminazzjoni (art. 2), minn kunsiderazzjoni tal-aħjar interessi tat-tfal (Art. 3, para. 1), tal-ħajja, tas-sopravivenza u tal-iżvilupp tat-tfal (Art. 6), u mir-rispett għall-fehmiet tat-tfal (Art. 12). […] Dan l-approċċ iffokat fuq it-tfal hu olistiku u jixħet l-enfasi fuq is-sostenn tal-punti ta' forza u tar-riżorsi tat-tfal stess u s-sostenn tas-sistemi soċjali kollha li t-tfal ikunu parti minnhom: familja, skola, komunità, istituzzjonijiet, sistemi reliġjużi u kulturali ([35]).

Biex tingħata kunsiderazzjoni primarja lill-aħjar interessi tat-tfal, iridu jintużaw proċessi olistiċi u ffokati fuq it-tfal fuq bażi kontinwa. Dawn iridu jieħdu f'kunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi u l-ħtiġijiet individwali u speċifiċi tat-tfal, fl-azzjonijiet u fid-deċiżjonijiet kollha li jaffettwaw lit-tfal, kemm jekk għat-terminu qasir, medju kif ukoll fit-tul.

> 5. L-applikazzjoni sħiħa tal-kunċett tal-aħjar interessi tat-tfal teħtieġ l-iżvilupp ta' approċċ ibbażat fuq id-drittijiet, li jinvolvi lill-atturi kollha, biex tiġi żgurata l-integrità fiżika, psikoloġika, morali u spiritwali olistika tat-tfal u tiġi promossa d-dinjità umana tagħhom ([36]).

L-għoti ta' kunsiderazzjoni primarja lill-BIC għandu jkun parti minn proċess individwali mwettaq għat-tfal kollha li jesprimu l-intenzjoni tagħhom li japplikaw għal protezzjoni internazzjonali, u japplika għad-deċiżjonijiet u għall-proċeduri kollha relatati mal-protezzjoni internazzjonali.

L-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet proċedurali speċjali tat-tfal hi wkoll obbligu skont l-APD (riformulazzjoni) u hekk ukoll it-twettiq ta' valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà — skont id-direttiva dwar il-kundizzjonijiet

([31]) Il-valutazzjoni tal-BIC tibda mill-mument li fih tifel/tifla jinstabu/jiġu identifikati.

([32]) Fil-każ li fih il-prosekutur ma jkunx informat kif xieraq, il-valutazzjoni sseħħ matul l-intervista.

([33]) Fi FR, il-valutazzjoni BIC tibda hekk kif tifel/tifla mhux akkumpanjat jiġi identifikat, ma jiddependix mill-eżistenza/stadju tal-proċedura tal-asil. BIC hi vvalutata fl-istess ħin tal-valutazzjoni tal-età u iktar tard mill-awtorità determinanti.

([34]) Il-Kumitat CRC, Kumment Ġenerali Nru 14 (2013) dwar id-dritt tat-tfal li jkollhom l-aħjar interessi tagħhom meħuda bħala kunsiderazzjoni primarja (art. 3, para. 1), 29 ta' Mejju 2013, CRC /C/GC/14, taqsima V.

([35]) Il-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali, Kumment Ġenerali Nru 13: Id-Dritt għall-Edukazzjoni (Art. 13 tal-Patt), 8 ta' Diċembru 1999, E/C.12/1999/10, para. 59.

([36]) Il-Kumitat CRC, Kumment Ġenerali Nru 14 (2013) dwar id-dritt tat-tfal li jkollhom l-aħjar interessi tagħhom meħuda bħala kunsiderazzjoni primarja (art. 3, para. 1), 29 ta' Mejju 2013, CRC /C/GC/14, taqsima I.A, paragrafi 4 u 5.

ta' akkoljenza (RCD riformulazzjoni)) ([37]). Din tista' tfisser l-involviment tal-atturi kollha bħall-atturi ta' CP jew il-fornituri ta' servizzi.

BIAs kontinwi għandhom iqisu l-fatt li l-kapaċitajiet ([38]) jew il-ħtiġijiet speċjali tat-tfal se jevolvu maż-żmien u l-miżuri meħuda jistgħu jiġu riveduti jew aġġustati kif xieraq, għall-kuntrarju tat-teħid ta' deċiżjonijiet definittivi jew irriversibbli.

## 1.2 Elaborazzjoni tal-kunċett ta' "kunsiderazzjoni primarja"

Fi kliem il-Kumitat CRC, il-prinċipju tal-aħjar interessi tat-tfal hu "mmirat biex jiżgura kemm it-tgawdija sħiħa u effettiva tad-drittijiet kollha rikonoxxuti fil-Konvenzjoni kif ukoll l-iżvilupp olistiku tat-tfal" ([39]). L-għoti ta' kunsiderazzjoni primarja lill-BIC f'kull waħda mid-deċiżjonijiet rilevanti jfisser bidu b'valutazzjoni taċ-ċirkustanzi speċifiċi ta' kull tifel/tifla individwali ([40]), billi jiġu identifikati u evalwati l-elementi rilevanti għal dawk it-tfal partikolari, issir elaborazzjoni fuqhom, u tiġi assenjata ponderazzjoni lil kull wieħed b'rabta mal-oħrajn ([41]).

Il-BIC huma kunsiderazzjoni **primarja** li jaf ikollha bżonn tiġi bbilanċjata mal-interessi ta' oħrajn, li jinkludu l-istat. Il-ponderazzjoni li għandha tingħata lill-BIC se tkun parti mill-analiżi ta' min jieħu d-deċiżjonijiet. Ser ikollha prijorità għolja u mhix se tkun sempliċiment waħda minn diversi kunsiderazzjonijiet ([42]). Għandu jiġi mfakkar li f'kuntesti oħra, b'analoġija, il-BIC iridu jkunu l-kunsiderazzjoni **fundamentali** li tfisser li l-BIC għandhom ikunu l-fattur determinanti meta tittieħed deċiżjoni.

> Eżempji ta' deċiżjonijiet li jaffettwaw lit-tfal fil-proċedimenti ta' asil jistgħu jkunu, fost oħrajn: deċiżjoni li ssir intervista personali separata mat-tfal mingħajr il-preżenza tal-ġenituri; deċiżjoni jekk ikunx fl-aħjar interessi tat-tfal li jiġu mismugħa, fejn, meta u kemm se ddum l-intervista; l-għażla tal-interpretu/uffiċjal tal-każ/uffiċjal tar-reġistrazzjoni li jieħu ħsieb it-tfal; deċiżjoni li ssir valutazzjoni tal-età jew li jinbeda t-traċċar tal-familja għat-tfal; deċiżjoni dwar jekk l-applikazzjoni tat-tfal għandhiex tiġi sseparata minn dik tal-ġenituri, eċċ.

Il-Kumment Ġenerali Konġunt tal-2017 tal-Kumitat CRC u tal-Kumitat dwar il-Ħaddiema Migranti (CMW) dwar l-implimentazzjoni tal-Prinċipji ġenerali fil-kuntest tal-migrazzjoni internazzjonali (Kumment Nru 22 tal-Kumitat CRC u Nru 3 tas-CMW) ([43]) jindika wkoll sitwazzjonijiet konkreti li fihom tkun meħtieġa valutazzjoni/determinazzjoni formali ([44]).

Dan jestendi wkoll għall-aspetti kollha tal-valutazzjoni tal-applikazzjoni tat-tfal u għall-aspetti sostantivi tal-BIC relatati mal-protezzjoni. Eżempji ta' tali aspetti huma persekuzzjoni speċifika għat-tfal, il-preżenza ta' familja fil-pajjiż ta' oriġini jew f'pajjiżi oħra, alternattiva ta' titjira interna għat-tfal

([37]) Ara wkoll l-Artikolu 23(4) RCD (riformulazzjoni) — Servizzi ta' riabilitazzjoni u sostenn.

([38]) Il-Kumitat CRC, Kumment Ġenerali Nru 14 (2013) dwar id-dritt tat-tfal li jkollhom l-aħjar interessi tagħhom meħuda bħala kunsiderazzjoni primarja (art. 3, para. 1), 29 ta' Mejju 2013, CRC /C/GC/14, para. 84.

([39]) Il-Kumitat CRC, Kumment Ġenerali Nru 14 (2013) dwar id-dritt tat-tfal li jkollhom l-aħjar interessi tagħhom meħuda bħala kunsiderazzjoni primarja (art. 3, para. 1), 29 ta' Mejju 2013, CRC /C/GC/14, taqsima I.A, paragrafi 4 u 5.

([40]) Il-Kumitat CRC, Kumment Ġenerali Nru 14 (2013) dwar id-dritt tat-tfal li jkollhom l-aħjar interessi tagħhom meħuda bħala kunsiderazzjoni primarja (art. 3, para. 1), 29 ta' Mejju 2013, CRC /C/GC/14, Taqsima V, paragrafi 46 u 48-51.

([41]) Il-Kumitat CRC, Kumment Ġenerali Nru 14 (2013) dwar id-dritt tat-tfal li jkollhom l-aħjar interessi tagħhom meħuda bħala kunsiderazzjoni primarja (art. 3, para. 1), 29 ta' Mejju 2013, CRC /C/GC/14, Taqsima V.2, para. 80; Għal aktar informazzjoni, ikkonsulta EASO, *Asylum Procedures for Children Report,* 2017.

([42]) Il-Kumitat CRC, Kumment Ġenerali Nru 14 (2013) dwar id-dritt tat-tfal li jkollhom l-aħjar interessi tagħhom meħuda bħala kunsiderazzjoni primarja (art. 3, para. 1), 29 ta' Mejju 2013, CRC /C/GC/14, Taqsima IV.A.4, paragrafi 36-40.

([43]) Dan il-kumment ġenerali jibni fuq id-Dokument u r-Rapport tal-2012 prodotti mid-diskussjoni ġenerali tal-Kumitat CRC f'Ġinevra f'Settembru 2012, u fuq id-dokumenti l-oħra msemmija fit-Taqsima A, para. 5 tal-Kumitat CRC u tas-CMW, Kumment Ġenerali Konġunt Nru 3 (2017) tas-[CMW] u Nru 22 (2017) tal-[Kumitat CRC] dwar il-prinċipji ġenerali rigward id-drittijiet tal-bniedem tat-tfal fil-kuntest tal-migrazzjoni internazzjonali, 16 ta' Novembru 2017.

([44]) Il-Kumment Ġenerali Konġunt Nru 3 tas-[CMW] u Nru 22 tal-[Kumitat CRC] jiddikjara li "l-aħjar interessi tat-tfal jittieħdu f'kunsiderazzjoni bis-sħiħ fil-liġi dwar l-immigrazzjoni, fl-ippjanar, fl-implimentazzjoni u fil-valutazzjoni tal-politiki dwar il-migrazzjoni u fit-teħid ta' deċiżjonijiet dwar każijiet individwali, inkluż fl-għoti jew fir-rifjut ta' applikazzjonijiet dwar id-dħul jew ir-residenza f'pajjiż, f'deċiżjonijiet rigward l-infurzar tal-migrazzjoni, fir-restrizzjonijiet tal-aċċess għad-drittijiet soċjali mit-tfal u/jew mill-ġenituri jew mit-tuturi legali tagħhom, f'deċiżjonijiet rigward l-unità tal-familja u l-kustodja tat-tfal, fejn l-aħjar interessi tat-tfal għandhom ikunu kunsiderazzjoni primarja u b'hekk ikollhom prijorità għolja. B'mod partikolari, l-aħjar interessi tat-tfal għandhom jiġu żgurati b'mod espliċitu permezz ta' proċeduri individwali bħala parti integrali minn kwalunkwe deċiżjoni amministrattiva jew ġudizzjarja li tikkonċerna d-dħul, ir-residenza jew ir-ritorn ta' tfal, it-tqegħid jew it-tħaris ta' tfal, id-detenzjoni jew it-tkeċċija ta' ġenitur assoċjat mal-istatus tal-migrazzjoni tagħhom."

(jekk verament applikabbli), pajjiż terz sikur (jekk verament applikabbli), salvagwardji, u limiti legali differenzjati rilevanti għas-sitwazzjoni tat-tfal, eż. l-oneru tal-provi, il-benefiċċju tad-dubju, eċċ.

**Is-sejbiet tal-immappjar tal-EASO dwar il-proċeduri ta' Asil għat-tfal**

11-il Stat li rrispondew (**BE, BG, CH, CY, DK, EE, IE, ES**[45]**, FR, LV** u **SE**) għandhom proċess formali fis-seħħ biex jivvalutaw il-BIC fil-proċedura ta' asil.

Il-BIC huma konsiderazzjoni primarja fil-proċedura ta' asil fl-AT, fil-DE, fil-EL, fil-PL, fil-FI, fl-IT, fin-NO u fis-SK, għalkemm dawn il-pajjiżi kkonfermaw li m'hemm l-ebda proċess formali għall-valutazzjoni tal-BIC.

B'mod simili, fil-FI, fl-HU[46], fil-LT, fin-NL, fil-PL, fir-RO u fis-SI m'hemmx proċess formali għall-valutazzjoni tal-BIC iżda jeżistu xi salvagwardji. Fin-NL, meta jkun hemm bżonn li jiġu vvalutati l-BIC, ser ikunu involuti n-NIDOS u l-Kunsill għall-Protezzjoni tat-Tfal. Fil-PL, il-BIC jiġu vvalutati f'qafas tal-valutazzjoni tal-ħtiġijiet għal protezzjoni internazzjonali. Fis-SI, il-BIC għandhom jingħataw prijorità f'kull fażi tal-proċedura ta' asil u mill-awtoritajiet u mill-persunal kollha involuti

## 1.3 Natura multidixxiplinari u oġġettiva

Il-valutazzjoni tal-aħjar interessi tat-tfal trid tkun eżerċizzju multidixxiplinari ([47]) li tinvolvi lil atturi rilevanti u mwettqa minn speċjalisti u minn esperti li jiġu skrutinizzati jew li rċivew it-taħriġ rilevanti biex jaħdmu mat-tfal ([48]).

L-aħjar interessi tat-tfal huma ta' natura oġġettiva, jiġifieri ma jistgħux jibbażaw fuq attitudnijiet, fuq fehmiet u fuq opinjonijiet soġġettivi. Il-ġudizzju minn adult tal-aħjar interessi tat-tfal ma jistax jipprevali fuq l-obbligu li jirrispetta d-drittijiet kollha tat-tfal skont il-Konvenzjoni ([49]). Dan ifisser li l-BIC qatt m'għandhom jiġġustifikaw iċ-ċaħda ta' dritt skont is-CRC.

Hi meqjusa prattika tajba li jiġi żgurat li kwalunkwe rakkomandazzjoni jew valutazzjoni li ssir rigward l-aħjar interessi tat-tfal tiġi rieżaminata ulterjorment u approvata, bl-użu tal-**prinċipju ta' erba' għajnejn** li skont dan tal-anqas żewġ uffiċjali jaraw il-każ.

## 1.4 Il-proċessi tal-aħjar interessi

Meta l-awtoritajiet tal-asil ikunu l-ewwel li jagħmlu kuntatt mat-tfal individwali, jew ikunu inkarigati minn ħafna perkorsi proċedurali/legali differenti, dawn jistgħu jintalbu jniedu l-proċessi tal-BIC. F'dawk il-każijiet, u b'mod partikolari meta jinkorporaw mistoqsijiet u garanziji proċedurali relatati mal-BIC fl-intervista personali, dawn għandhom jinvolvu lill-atturi rilevanti kollha u ma jċaħħdux lit-tfal mill-opportunitajiet li jiġu mismugħa dwar il-kwistjoni tal-BIC tagħhom b'mod separat.

**Eżempji mill-prattika**

Fil-**FI** u fl-**SE**, l-awtoritajiet li jagħmlu d-determinazzjoni jgħaqqdu l-kompetenzi fil-qasam tal-asil, tal-immigrazzjoni, tat-THB u tal-akkoljenza u b'hekk iwettqu BIA u f'kull ħin BID inklużi dawk barra l-kamp ta' applikazzjoni tal-proċeduri ta' protezzjoni internazzjonali.

([45]) Iggarantiti mit-tutur.

([46]) Regolament biex jiġi żgurat li l-applikazzjoni tal-BIC tiġi estiża bl-emenda li jmiss tal-Att tal-Ungerija dwar l-asil.

([47]) Rakkomandazzjonijiet għall-użu ta' tim multidixxiplinari jistgħu jinsabu wkoll fil-Kumitat CRC, Kumment Ġenerali Nru 14 (2013) dwar id-dritt tat-tfal li jkollhom l-aħjar interessi tagħhom meħuda bħala kunsiderazzjoni primarja (art. 3, para. 1), , 29 ta' Mejju 2013, CRC /C/GC/14.

([48]) Separated Children in Europe Programme, *Statement of Good Practice*, Marzu 2010, ir-raba' edizzjoni riveduta, p. 6.

([49]) Il-Kumitat CRC, Kumment Ġenerali Nru 14 (2013) dwar id-dritt tat-tfal li jkollhom l-aħjar interessi tagħhom meħuda bħala kunsiderazzjoni primarja (art. 3, para. 1), , 29 ta' Mejju 2013, CRC /C/GC/14.

## 1.5 L-aħjar interessi tat-tfal u d-dritt tat-tfal li jiġu mismugħa ([50])

Il-fehmiet tat-tfal għandhom jistemgħu u jiġu kkunsidrati skont l-età u l-maturità tagħhom. Kwalunkwe proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet li jieħu l-BIC bħala kunsiderazzjoni primarja jrid jinkludi rispett għad-dritt tat-tfal li jesprimu l-fehmiet tagħhom liberament. L-Istati Membri jridu jdaħħlu fis-seħħ mekkaniżmi biex jissollecitaw il-fehmiet tat-tfal li kapaċi jibnu l-fehmiet tagħhom stess, jiġifieri jagħmluha possibbli li t-tfal jesprimu r-rieda tagħhom li jiġu mismugħa. Meta t-tfal jiddeċiedu li jridu jiġu mismugħa, dawn jistgħu jiddeċiedu kif, kemm jekk b'mod dirett jew inkella permezz ta' rappreżentant (tutur/ġenitur). Jekk it-tfal jesprimu l-fehmiet tagħhom, b'mod dirett jew indirett, trid tingħata l-ponderazzjoni dovuta lit-tali fehmiet skont l-età u l-maturità.

It-tfal għandhom jiġu informati wkoll dwar kif tintuża l-informazzjoni mogħtija. Is-smigħ tat-tfal ifisser l-involviment tat-tfal ukoll. Mill-ġdid, dan jeħtieġ li l-informazzjoni tiġi pprovduta b'mod imfassal apposta għat-tfal, u b'hekk tgħin lit-tfal jagħmlu sens mis-sitwazzjoni li jkunu fiha (jiġifieri l-proċedura ta' asil). L-uffiċjali responsabbli jridu jiżguraw li s-smigħ tat-tfal isir b'mod mhux dannuż.

## 1.6 Ibbilanċjar tal-elementi tal-aħjar interessi tat-tfal

Kwalunkwe proċess tal-aħjar interessi jrid jagħti l-kunsiderazzjoni dovuta għas-sitwazzjoni tal-familja tat-tfal; is-sitwazzjoni fil-pajjiż tal-oriġini tagħhom; il-vulnerabbiltajiet partikolari; is-sikurezza u r-riskji li huma esposti għalihom; il-ħtiġijiet ta' protezzjoni; il-livell ta' integrazzjoni fil-pajjiż ospitanti; u s-saħħa mentali u fiżika, l-edukazzjoni u l-kundizzjonijiet soċjoekonomiċi. Din l-analiżi tista' ssir mill-assistenti soċjali mħaddma mill-awtorità tal-asil jew minn atturi oħra u titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-awtorità tal-asil. Trid tkun stabbilita fi ħdan il-kuntest tal-ġeneru tat-tfal; l-orjentazzjoni sesswali jew l-identità tal-ġeneru; l-oriġini nazzjonali, etnika jew soċjali; ir-reliġjon; id-diżabilità; l-istatus tal-migrazzjoni jew ta' residenza; l-istatus taċ-ċittadinanza; l-età, l-istatus ekonomiku; l-opinjoni politika jew opinjoni oħra ([51]); l-isfond kulturali u lingwistiku jew status ieħor.

L-assessuri jridu jibbilanċjaw id-drittijiet differenti tat-tfal u jimmiraw għall-aqwa eżekuzzjoni possibbli tad-drittijiet kollha tat-tfal ([52]). Id-dokumentazzjoni dwar l-aħjar interessi għandha tinkludi deskrizzjoni dettaljata taċ-ċirkustanzi tat-tfal, li tinkludi s-salvagwardji u s-sejbiet kollha, u analiżi li tiddeskrivi l-ibbilanċjar tal-elementi, l-għażliet ikkunsidrati għat-tfal, liema għażla hi fl-aħjar interessi tat-tfal u għaliex.

Fil-lista li ġejja, ir-referenzi mill-Kumment Ġenerali Nru 14 ([53]), is-CRC u l-*acquis* tal-UE dwar l-asil ġew inklużi wkoll ([54]):

- possibbiltajiet ta' riunifikazzjoni tal-familja (Artikolu 10 CRC, Artikolu 23(2) RCD(riformulazzjoni));
- il-ħajja, is-sopravivenza u l-iżvilupp tat-tfal (Artikolu 6 CRC); il-benesseri;
- l-identità tat-tfal (Artikolu 8 CRC) u sfond;
- is-sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà; vittma potenzjali ta' traffikar (Artikoli 32 u 39 CRC, Artikolu 23(2) RCD (riformulazzjoni), l-Artikolu 6(3)(c) tar-Regolament ta' Dublin III); ħtiġijiet speċjali oħra (Artikoli 20 u 22 CRC, Artikolu 22 RCD (riformulazzjoni));
- id-dritt tat-tfal għal edukazzjoni (Artikolu 28 CRC);
- id-dritt tat-tfal għas-saħħa (Artikolu 24 CRC);

([50]) Ara wkoll il-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali, Kumment Ġenerali Nru 12: Id-Dritt għal Ikel Adegwat (Art. 11 tal-Patt), 12 ta' Mejju 1999.

([51]) Il-Kumitat CRC u s-CMW, Kumment Ġenerali Konġunt Nru 3 (2017) tas-[CMW] u Nru 22 (2017) tal-[Kumitat CRC] dwar il-prinċipji rigward id-drittijiet tal-bniedem tat-tfal fil-kuntest tal-migrazzjoni internazzjonali, 16 ta' Novembru 2017, taqsima I, para. 3.

([52]) "Ma hemm ebda ġerarkija tad-drittijiet fil-Konvenzjoni; id-drittijiet kollha pprovduti fiha huma fl-'aħjar interessi tat-tfal'." Il-Kumitat CRC, Kumment Ġenerali Nru 14 (2013) dwar id-dritt tat-tfal li jkollhom l-aħjar interessi tagħhom meħuda bħala kunsiderazzjoni primarja (art. 3, para. 1), 29 ta' Mejju 2013, CRC /C/GC/14.

([53]) L-elementi ewlenin li għandhom jitqiesu meta jiġu vvalutati l-aħjar interessi tat-tfal huma elenkati fit-Taqsima V tal-Kumitat CRC, Kumment Ġenerali Nru 14 (2013) dwar id-dritt tat-tfal li l-aħjar interessi tagħhom jingħataw kunsiderazzjoni primarja (art. 3, para. 1), 29 ta' Mejju 2013, CRC /C/GC/14, taqsima V.A, para. 48.

([54]) Għal elaborazzjoni ulterjuri dwar dan ara FRA, Fundamental Rights Report, 2018, pp. 184-186.

- l-unità tal-familja (Artikolu 9 CRC, Artikolu 8(2) tar-Regolament ta' Dublin III u Artikolu 25 tad-direttiva dwar il-kwalifiki), il-preservazzjoni tal-ambjent tal-familja u ż-żamma tar-relazzjonijiet;
- is-smigħ tal-fehmiet tat-tfal (Artikolu 12 CRC);
- il-protezzjoni u s-sikurezza tat-tfal (Artikolu 19 CRC);
- il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni (Artikolu 2 CRC);
- it-tħaris u l-gwida f'konformità mal-kapaċitajiet li jevolvu tat-tfal (Artikolu 5 CRC).

Dawn huma riflessi fl-*acquis* tal-UE, u fil-karta ta' hawn taħt li turi wħud mill-elementi ewlenin (mhux eżawrjenti) tal-aħjar interessi tat-tfal, filwaqt li tinidka l-istrumenti legali bħala referenza. Gwida ulterjuri u dokumenti ta' politika u ta' gwida rilevanti jistgħu jinkisbu mill-Anness I u mill-qafas legali Internazzjonali u Ewropew fl-Anness II (55).




(55) Ir-referenzi legali kollha fil-viżwali ta' hawn taħt jirreferu għall-istrumenti legali riformulati tal-UE.

# 2. Salvagwardji proċedurali

Il-qafas legali jeħtieġ li jiġu stabbiliti diversi salvagwardji biex jiġi żgurat li l-aħjar interessi tat-tfal jingħataw il-ponderazzjoni dovuta bħala kunsiderazzjoni primarja. Ħafna minn dawn is-salvagwardji huma applikabbli b'mod ġenerali għat-tfal kollha li japplikaw għal asil. Dak li hu enfasizzat hawnhekk hu eżattament kif dawn isostnu l-implimentazzjoni tal-BIC. Pereżempju, l-aċċess għal tutur hu salvagwardja ġenerali għat-tfal mhux akkumpanjati kollha li japplikaw għal asil. Fl-istess ħin, l-involviment tat-tutur fil-proċess tal-BIC jew l-inklużjoni ta' valutazzjoni mwettqa mit-tutur huma parti mis-salvagwardji li jiżguraw li l-BIC jingħataw kunsiderazzjoni primarja.

Dawn il-garanziji u s-salvagwardji proċedurali speċifiċi dejjem iridu jiġu żgurati u applikati bħala parti mill-proċedura ta' asil għat-tfal. Il-garanziji proċedurali huma obbligi għall-awtoritajiet u drittijiet għat-tfal. F'kull ħin, filwaqt li tingħata kunsiderazzjoni primarja lill-aħjar interessi tat-tfal, l-uffiċjali responsabbli għandhom jivverifikaw kontinwament ukoll li jkun hemm is-salvagwardji proċedurali neċessarji fis-seħħ. L-uffiċjali responsabbli għandhom jiżguraw li d-drittijiet ta' dawk it-tfal individwali jkunu protetti.

Hu ċar li diversi atturi minn awtoritajiet differenti jintervjenu b'rabta ma' applikazzjoni minn tfal għal protezzjoni internazzjonali. Ilkoll huma responsabbli — fil-qasam ta' kompetenza tagħhom — għat-teħid tal-BIC bħala kunsiderazzjoni primarja. L-uffiċjal responsabbli jista' jappartjeni għal kwalunkwe wieħed/waħda mill-atturi/awtoritajiet. Madankollu, l-assistenti soċjali/il-maniġers tal-każijiet ta' CP huma dawk responsabbli mill-ġestjoni tal-każijiet ta' CP.

Is-salvagwardji enfasizzati f'din il-gwida jirreferu għal kwalunkwe intervista mwettqa mat-tfal, u anki għall-intervista personali fil-kuntest tal-proċedura ta' asil.

**Eżempji mill-prattika**

F'**CY**, mas-sottomissjoni tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, it-tfal jiġu pprovduti b'formola separata għall-identifikazzjoni ta' persuni vulnerabbli. Il-valutazzjoni tal-BIC issir mis-Servizzi tas-Sigurtà Soċjali fuq bażi kontinwa sakemm it-tfal jagħlqu 18-il sena.

Fil-**LV**, il-BIC jiġu vvalutati matul il-proċedura ta' asil sħiħa permezz ta' osservazzjoni u ta' komunikazzjoni mat-tfal li jsiru f'okkażjonijiet differenti.

Fin-**NO**, il-valutazzjoni mill-UDIs tal-BIC teħtieġ li t-tfal jingħataw l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar kwistjonijiet li jkunu rilevanti għalihom.

## *Is-sikurezza*

Matul il-proċeduri ta' asil, it-tfal iridu jkunu protetti minn kull forma ta' vjolenza, ta' abbuż, ta' negliġenza u ta' sfruttament. L-uffiċjali tal-asil iridu jqisu u jkunu attenti għal indikaturi possibbli ta' vulnerabblitajiet u ta' riskji, biex jiżguraw is-sikurezza tat-tfal matul il-proċeduri sħaħ ta' asil (ara t-taqsima dwar L-indikaturi tal-vulnerabblitajiet u tar-riskji).

Għandha tinġabar informazzjoni dwar il-benesseri tat-tfal, u kwalunkwe tħassib relatat mal-protezzjoni jew mas-sikurezza. Il-ġbir tat-tali informazzjoni u l-għoti tal-ponderazzjoni xierqa lilha jistgħu jikkontribwixxu biex jiżguraw il-protezzjoni tat-tfal, pereżempju biex ma jispiċċawx f'idejn jew f'kuntatt ma' persuni li abbużaw, għamlu ħsara jew ittraffikaw lit-tfal. L-uffiċjal responsabbli għandu joqgħod attent għas-sors ta' din l-informazzjoni u kemm jagħtiha ponderazzjoni, peress li dan ser ikun jiddependi ħafna miċ-ċirkustanzi individwali tal-każ.

## Persunal kwalifikat

L-uffiċjali tal-asil li jidħlu f'kuntatt mat-tfal għandhom ikunu **kwalifikati, esperjenzati f'xogħol mat-tfal u mħarrġa kif xieraq**. Deċiżjonijiet dwar l-applikazzjoni mit-tfal għal protezzjoni internazzjonali jridu jittieħdu minn awtorità kompetenti li tkun midħla sew ukoll tal-istrumenti legali kollha relatati mad-drittijiet tat-tfal, mat-traffikar tat-tfal u ma' kwistjonijiet ta' protezzjoni rilevanti oħra.

L-uffiċjali li jidħlu f'kuntatt dirett mat-tfal għandhom ikunu mħarrġa fl-użu ta' **tekniki ta' intervisti mfassla apposta għat-tfal** ([56]). L-Istati tal-UE+ għandhom jaħtru persunal speċjalizzat imħarreġ u kwalifikat biex jindirizza l-każijiet tat-tfal u jipprovdu bini ta' kapaċità kontinwu lill-persunal tagħhom. L-interpreti wkoll għandhom jitħarrġu fl-interpretar għat-tfal u jkunu midħla ta' dan il-qasam.

## Applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali

It-tfal għandhom ikunu assistiti f'kif jieħdu deċiżjoni informata biex japplikaw għal protezzjoni internazzjonali. L-applikazzjoni għal asil hi dritt fundamentali ta' kull tifel u tifla u l-eżerċizzju ta' dan id-dritt mhuwiex soġġett għal valutazzjoni minn qabel min-naħa tal-awtoritajiet. Għandhom isiru magħrufa l-fehmiet tat-tfal dwar l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali. Tal-aħħar għandhom jitqiesu skont l-età u l-maturità tat-tfal.

Wara li l-applikazzjoni diġà tkun ġiet ippreżentata, it-tfal/ir-rappreżentant jaf imbagħad jiddeċiedu li jirtiraw l-applikazzjoni meta jkun hemm mezzi legali oħra li jaqdu l-aħjar interessi tat-tfal individwali aħjar u l-applikazzjoni jew il-konsegwenzi possibbli li jiġu rikonoxxuti bħala refuġjati jaf ma jkunux fl-aħjar interessi tat-tfal individwali f'dak il-waqt.

Meta t-tfal jifhmu li l-fehmiet tagħhom ikunu qed jingħataw kunsiderazzjoni, jaf ikunu aktar lesti li jikkooperaw, xi ħaġa li tkun ta' benefiċċju ulterjuri għall-proċedura.

## Reġistrazzjoni

Is-salvagwardji għat-tfal għandhom jiġu applikati mill-mument li fih it-tfal jiġu identifikati. Ħafna mis-salvagwardji speċifiċi għall-proċedura ta' asil diġà jistgħu jiġu applikati meta tkun qed issir l-applikazzjoni, minn liema mument it-tfal jitqiesu li huma applikanti. Matul ir-reġistrazzjoni tal-preżentazzjoni, għandhom jinġabru dettalji li jinkludu l-bijodata tat-tfal, ir-rabtiet u l-kuntatti mal-familja, u d-dettalji ta' kuntatt attwali tat-tfal u tal-familja.

Ir-regolament Eurodac jobbliga lill-Istati Membri biex jieħdu l-marki tas-swaba' tal-applikanti għal protezzjoni internazzjonali li jkollhom aktar minn 14-il sena ([57]). M'għandhomx isiru valutazzjonijiet tal-età b'mod sistematiku għal dan l-għan ([58]). Għall-kuntrarju, biex tiġi aċċettata l-età tat-tfal, il-benefiċċju tad-dubju għandu jiġi applikat b'mod wiesa'. Valutazzjoni tal-età għandha ssir biss jekk ikun hemm dubji serji dwar jekk il-persuna hix taħt l-età jew le.

## Prijoritizzazzjoni/adattament tad-durata tal-proċedura

Il-proċeduri ta' asil għat-tfal għandhom jiġu indirizzati bi prijorità għolja. L-applikazzjonijiet tat-tfal iridu jiġu identifikati u għandu jiġi żgurat li dawk bi tħassib dwar il-protezzjoni ma jinżammux jistennew għal perjodi twal ta' żmien jew jibqgħu fi stat sospiż ([59]). Dak li hu importanti fir-rigward tal-ipproċessar ta' applikazzjoni tat-tfal hu li d-durata tal-proċedura tiġi adattata: jaf ikun fl-aħjar interessi tagħhom li

([56]) Il-modulu ta' Taħriġ tal-EASO "Intervistar tat-Tfal" hu modulu interattiv għall-uffiċjali tal-każijiet ta' asil, immirat lejn it-tisħiħ tal-għarfien u tal-ħiliet tagħhom fl-intervistar tat-tfal, filwaqt li jitqiesu tal-età u tal-maturità tat-tfal, tal-varjanzi kulturali u tal-effetti ta' trawma u/jew ta' diffikultà. Aktar informazzjoni dwar il-Kurrikulu ta' Taħriġ tal-EASO u l-modulu hi disponibbli fuq https://www.easo.europa.eu/training-quality/training

([57]) Regolament (UE) Nru 603/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-istabbiliment tal- "Eurodac" għat-tqabbil ta' marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 (ĠU L 180, 19.6.2013, p. 1). Ta' min jinnota li l-proposta attwali biex jiġi rivedut ir-regolament Eurodac tipprevedi t-tnaqqis tal-età għal 6 snin.

([58]) Għal aktar dettalji, ara EASO, *Practical Guide on age assessment*, 2018.

([59]) Separated Children in Europe Programme, *Statement of Good Practice*, Marzu 2010, ir-raba' edizzjoni riveduta, p. 6..

l-applikazzjoni tagħhom tingħata prijorità. F'każijiet oħra, ikun fl-aħjar interessi tagħhom li jibbenefikaw minn perjodu ta' mistrieħ u ta' rkupru qabel ma tkompli l-eżaminazzjoni tal-applikazzjoni, minflok. Iż-żmien li matulu applikazzjoni tat-tfal tkun għadha pendenti fil-proċedura ta' asil għandu jiġi minimizzat.

## *Eżenzjoni mill-proċeduri fuq il-fruntiera/aċċellerati/rapidi*

It-tfal għandhom jiġu eżentati mill-proċeduri fuq il-fruntiera, aċċellerati u rapidi meta s-sostenn adegwat meħtieġ mit-tfal ma jkunx jista' jiġi żgurat fil-kuntest tat-tali proċeduri ([60]). Għandu jingħata perjodu ta' mistrieħ u ta' rkupru meta l-ħtiġijiet tat-tfal ikunu jeħtieġu dan. L-Istati tal-UE+ għandu jkollhom ukoll mekkaniżmi fis-seħħ biex iwieġbu għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza li jistgħu jkunu jeħtieġu t-trasferiment ta' tfal f'ambjent aktar sikur.

## *Il-provvista ta' rappreżentazzjoni legali*

Meta t-tfal ikollhom bżonn li jinħatrilhom tutur/rappreżentant, il-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali m'għandhiex issir qabel il-ħatra ta' tutur/rappreżentant, li għandu jassisti wkoll fil-preżentazzjoni tal-applikazzjoni.

**Tutur/rappreżentant indipendenti u kwalifikat** għandu jinħatar mill-aktar fis possibbli bħala parti mill-garanziji għal tfal mhux akkumpanjati u separati. It-tutur għandu jkollu numru ta' kwalitajiet, jiġifieri għarfien espert fir-rigward taż-żgħażagħ, u kapaċità suffiċjenti flimkien ma' għarfien espert fil-ħtiġijiet ta' protezzjoni speċifiċi għat-tfal, fost ħafna oħrajn. Importanti li t-tfal ikunu sostnuti ([61]) matul il-proċedura ta' asil, mit-tutur/mir-rappreżentant maħtur kif ukoll ikollhom aċċess għall-assistenza u għall-konsulenza legali.

Importanti li tiġi żgurata l-kontinwità tad-deżinjazzjoni ta' tuturi/ta' rappreżentanti u li jiġi stabbilit numru massimu ta' tfal li dawn jistgħu jirrappreżentaw fi kwalunkwe waqt.

### Eżempju ta' prattika

Fil-**BE**, il-qorti tiddeċiedi jekk adult li jakkumpanja jistax jiġi nominat bħala t-tutur ċivili tat-tfal ladarba jintemmu l-proċeduri biex jinkiseb permess ta' soġġorn fil-Belġju. Matul il-proċedura ta' asil, adult li jakkumpanja ma jistax jiġi nnominat bħala t-tutur tat-tfal.

Fl-**IE**, jitqies li hu fl-aħjar interessi ta' kwalunkwe tifel u tifla mhux akkumpanjati fl-Istat li jiġi allokat għal ħaddiem soċjali (li jaġixxi *in loco parentis* bħala t-tutur tat-tfal) minnufih.

It-tutur/ir-rappreżentant għandu jkun informat bis-sħiħ dwar il-proċeduri u jipprovdi kunsens meta dan ikun allinjat mal-aħjar interessi tat-tfal. Dan għandu jkun preżenti fi kwalunwe intervista li ssir mat-tfal, peress li l-preżenza tat-tutur hi parti mill-garanziji tar-rispett tad-drittijiet tat-tfal matul l-intervista. Madankollu, fil-każijiet ta' tfal b'ġenituri jew ta' tfal separati, meta l-indokratur ikun qarib, l-aħjar interessi tat-tfal jistgħu jesiġu li dan ma jkunx preżenti matul l-intervista (ara wkoll 3.6 Ir-relazzjoni mal-indokratur/mat-tutur).

## *L-għoti ta' parir legali*

L-APD (riformulazzjoni) tiddikjara li l-Istati Membri għandhom jaħtru rappreżentant mill-aktar fis possibbli ([62]). L-APD (riformulazzjoni) tipprevedi wkoll il-provvista ta' informazzjoni legali u proċedurali mingħajr ħlas fuq talba tal-applikant fl-ewwel istanza. It-tfal għandhom jiġu pprovduti b'aċċess għal

([60]) Ara l-Artikolu 24(3) APD (riformulazzjoni).

([61]) F'ċerti Stati Membri, dan jista' jinkludi appoġġ legali u mentali/morali biss. Skont l-Istat Membru, ir-rwol tar-rappreżentant mhuwiex li jagħti sostenn soċjali (jiġifieri d-differenza mir-rwol ta' indokratur) iżda li jkun rappreżentant legali.

([62]) L-Artikolu 25(1)(a) APD (riformulazzjoni).

**pariri u konsulenza legali**. Hi prattika tajba li jiġi żgurat li t-tfal ikollhom aċċess għal servizzi ta' għajnuna legali mingħajr ħlas f'kull stadju tal-proċedura ta' asil.

Il-konsulent legali tat-tfal għandu jingħata wkoll l-opportunità li jattendi għal kwalunkwe intervista tat-tfal. B'mod ġenerali, it-tfal għandhom ikunu akkumpanjati fl-intervisti, sakemm it-tfal ma jkunux jippreferu xi ħaġa oħra u jkun possibbli li din it-talba tintlaqa'. Fid-dawl tar-rwoli sinifikanti ta' salvagwardja mwettqa mill-konsulent legali u/jew mir-rappreżentant legali, għandu jiġi deċiż dwar il-persuna li l-preżenza tagħha tkun fl-aħjar interessi tat-tfal.

## *Il-provvista ta' informazzjoni u ta' interpretazzjoni*

Għandu jkun hemm salvagwardji fis-seħħ biex jiġi żgurat li t-tfal ikunu jistgħu jipparteċipaw, jifhmu bis-sħiħ u jkunu informati dwar il-proċess ta' asil u l-konsegwenzi ta' dan b'**mod li jinftiehem faċilment mit-tfal, li jqis il-ġeneru u adattat għall-età**, u f'**lingwa li t-tfal jistgħu jifhmu**, biex it-tfal ikunu jistgħu jesprimu fehmiet, xewqat u opinjonijiet, jagħmlu mistoqsijiet u jieħdu deċiżjoni informata biex jipparteċipaw fil-proċess.

It-tfal għandhom jiġu pprovduti b'informazzjoni, **b'interpretazzjoni** u b'materjali puntwali li jispjegaw il-proċeduri ta' asil u għandhom ikunu jistgħu jirrieżaminaw l-informazzjoni tul il-proċess kollu. Fejn possibbli, l-interpretu għandu jkun esperjenzat fl-interpretazzjoni għat-tfal. Għandha tiġi pprovduta gwida xierqa lit-tfal f'kull stadju ta' kwalunkwe valutazzjoni tal-vulnerabbiltà, li tkun adattata għall-età u għall-maturità tagħhom. It-tfal m'għandhomx jitħallew mingħajr **gwida xierqa**, li għandha tiġi pprovduta mit-tutur/mir-rappreżentant u minn atturi rilevanti oħra, jiġifieri l-persunal responsabbli mill-arranġamenti ta' indokrar ta' kuljum.

## *Is-smigħ tal-fehmiet tat-tfal u l-parteċipazzjoni tat-tfal*

It-tfal għandhom dritt li jesprimu l-fehmiet u l-opinjonijiet tagħhom, jew b'mod personali jew inkella permezz ta' tutur/rappreżentant. It-tfal iridu jiġu intervistati/jinstemgħu bħala parti mill-valutazzjoni tal-BIC, jekk dan ikun fattibbli u rakkomandabbli fiċ-ċirkustanzi individwali tagħhom (jiġifieri tfal b'diżabilitajiet, tfal li ma jkunux kapaċi jikkomunikaw). L-aħjar interessi tat-tfal għandhom jittieħdu f'kunsiderazzjoni meta jiġi deċiż jekk u kif jiġu intervistati t-tfal matul il-proċedura ta' asil. Is-salvagwardji enfasizzati f'din il-gwida jirreferu għal kwalunkwe intervista mwettqa mat-tfal, u anki għall-intervista personali fil-kuntest tal-protezzjoni internazzjonali.

### Is-smigħ u l-għoti tal-ponderazzjoni dovuta lill-fehmiet tat-tfal

**a.** Kwalunkwe intervista dejjem għandha ssir f'ambjent sikur, kunfidenzjali, komdu u xieraq għat-tfal f'postijiet xierqa li jgħinu biex tinbena l-fiduċja mat-tfal.
**b.** It-tul ta' kwalunkwe intervista, l-evitar ta' intervisti ripetuti, u l-possibbiltà li jitħallew barra intervisti, meta dan ikun konformi mal-BIC u maċ-ċirkustanzi tat-tfal, għandu jiġi kkunsidrat.
**c.** It-tfal għandhom iħossuhom komdi. L-uffiċjal kompetenti u l-interpretu għandhom ikunu informali kemm jista' jkun.
**d.** L-informazzjoni għandha tingħata b'mod dirett u ċar. Il-fehim irid jiġi vverifikat.
**e.** Jekk possibbli, it-tfal jistgħu jiġu mistoqsija jekk jixtiqux li l-uffiċjal u l-interpretu jkunu raġel jew mara. Skont l-isfond tat-tfal, eż. tifel li jkun superstitu ta' abbuż sesswali minn raġel, jaf jagħżel lil xi ħadd tas-sess oppost.
**f.** L-intervisti mal-esperti għandhom jitfittxu biex jintużaw metodi alternattivi ta' intervisti u jipprovdu konsulenza fejn ikun hemm bżonn, jiġifieri fi trawma, f'Disturb minn Stress Postrawmatiku.
**g.** L-uffiċjali u l-interpreti huma marbuta bil-kunfidenzjalità, li l-kunċett u r-regoli tagħha għandhom ikunu spjegati lit-tfal ukoll.
**h.** It-tfal u t-tutur għandhom ikunu informati dwar l-iskop ta' kwalunkwe intervista u min ser ikollu aċċess għat-traskritt tal-intervista.

Kwalunkwe intervista mat-tfal dejjem għandha ssir f'ambjent sikur, kunfidenzjali, komdu u xieraq għat-tfal f'post(ijiet) xieraq/xierqa li jgħin(u) biex tinbena l-fiduċja mat-tfal.

It-tul ta' kwalunwke intervista, filwaqt li jiġu evitati intervisti ripetuti, u l-possibbiltà li jitħallew barra intervisti mat-tfal meta dan ikun allinjat mal-aħjar interessi u maċ-ċirkustanzi tat-tfal, għandhom jiġu kkunsidrati (jiġifieri meta intervista ma tkunx prattikabbli minħabba t-tip ta' diżabilità, eċċ.). Jaf ma jkunx hemm bżonn li ssirilhom intervista personali għal protezzjoni internazzjonali jekk ir-rakkont tal-ġenituri jkun ikopri l-applikazzjoni tagħhom biżżejjed. Kif diġà intqal , it-tfal m'għandhomx ikunu soġġetti għal intervisti multipli għalxejn peress li dawn jistgħu jistressjawhom u jxekklu l-valutazzjoni tal-aħjar interessi tat-tfal minħabba inkonsistenzi inevitabbli fl-istejjer tat-tfal. Hu rakkomandat li jiġu evitati ħafna intervisti separati b'rabta ma' ħtiġijiet proċedurali u ta' akkoljenza speċjali u ma' ħtiġijiet oħra.

It-tfal għandhom iħossuhom komdi. Hi prattika tajba li jsiru żjarat preparatorji fil-post fejn tkun ser isseħħ l-intervista għal protezzjoni internazzjonali, li l-proċess jiġi spjegat lit-tfal jew li jintwera filmat tal-kamra tal-intervista, peress li dawn jistgħu jgħinu biex it-tfal iħossuhom komdi u tiġi żgurata l-parteċipazzjoni effettiva. L-uffiċjal responsabbli u l-interpretu għandhom ikunu informali kemm jista' jkun. L-informazzjoni għandha tingħata b'mod dirett u ċar. Il-fehim irid jiġi vverifikat, peress li ċerti tfal jaf jibżgħu jagħmlu mistoqsijiet minħabba età, sfond kulturali jew stat psikoloġiku.

Jekk possibbli, it-tfal għandhom jiġu mistoqsija jekk għandhomx preferenza b'rabta mal-ġeneru tal-uffiċjal u tal-interpretu. Skont l-isfond tat-tfal, jista' jkun li jagħżlu lil xi ħadd mis-sess oppost, eż. tifel li hu superstitu ta' abbuż sesswali minn raġel jaf ikun jixtieq li jkollu uffiċjal mara u interpretu mara preżenti. F'każ li t-tfal jista' jkun li esperjenzaw/ikunu qed jesperjenzaw trawma, jaf ma jkunux lesti li jesprimu kif qed iħossuhom jew opinjonijiet. L-intervistaturi esperti għandhom jitfittxu biex jintużaw metodi alternattivi ta' intervisti u tiġi pprovduta konsulenza.

L-intervistatur għandu jirreġistra l-intervista kollha kemm hi b'mod partikolari peress li l-ħtiġijiet tat-tfal jistgħu jevolvu u għalhekk hu importanti li jiġi analizzat biċ-ċar għaliex ittieħdu ċerti deċiżjonijiet/saru ċerti rakkomandazzjonijiet. L-aħjar interessi tat-tfal għandhom jingħataw kunsiderazzjoni primarja b'mod komprensiv f'kull intervista, u fis-sejbiet u fir-rakkomandazzjonijiet kull meta tittieħed deċiżjoni li taffettwa lit-tfal. L-uffiċjali u l-interpreti huma marbuta bil-kunfidenzjalità, li l-kunċett u r-regoli tagħha għandhom ikunu spjegati lit-tfal ukoll. It-tfal u t-tutur/ir-rappreżentant għandhom ikunu informati dwar l-iskop ta' kwalunkwe intervista u min ser ikollu aċċess għat-traskritt tal-intervista.

Il-**fehmiet u x-xewqat tat-tfal għandhom jiġu kkunsidrati** skont l-età u l-maturità tagħhom ([63]).

### Eżempju ta' prattika

Fin-**NO**, l-intervisti mat-tfal ta' 7 snin jew iżgħar jekk ikunu kapaċi jkollhom il-fehmiet tagħhom jistgħu jsiru meta jkunu akkumpanjati mill-ġenituri tagħhom.

Fid-**DK**, il-valutazzjoni tal-aħjar interessi tat-tfal normalment tkun parti integrali mill-intervista personali (dwar il-protezzjoni internazzjonali). Intervista tal-aħjar interessi individwali għandha ssir għall-finijiet tar-Regolament ta' Dublin III u għad-deċiżjonijiet rigward jekk it-tfal għandhomx jitqiesu akkumpanjati jew le.

Fl-**SE**, l-enfasi tinxteħet fuq il-fatt li tfal żgħar mhux akkumpanjati għandhom l-istess drittijiet biex, jekk jagħżlu li jagħmlu dan, jesprimu l-fehmiet u l-opinjonijiet proprji tagħhom bħal tfal mhux akkumpanjati jew akbar fl-età.

Id-dritt tat-tfal li jiġu mismugħa m'għandux ikun ristrett għal intervista biss. Il-persunal responsabbli għandu joqgħod attent għall-fehmiet, għall-ħtiġijiet u għall-opinjonijiet tat-tfal barra l-intervista wkoll.

([63]) Nitgħallmu mill-esperjenzi fis-settur tal-ġustizzja, ara r-rapport tal-FRA dwar il-ġustizzja orjentata lejn it-tfal: *Child-friendly justice — Perspectives and experiences of children involved in judicial proceedings as victims, witnesses or parties in nine EU Member States*, Frar 2017.

## *L-istabbiliment tal-fatti*

Fejn possibbli, l-uffiċjal responsabbli għandu jfittex b'mod attiv li jikseb informazzjoni mingħand sorsi rilevanti għall-fini ta' valutazzjoni tal-aħjar interessi tat-tfal fil-proċedura ta' asil kif xieraq. B'kunsiderazzjoni dovuta għall-protezzjoni tad-*data* u għall-kunfidenzjalità, u fejn dan ikun konformi mas-sikurezza u mal-protezzjoni tat-tfal, dawk li jkollhom għarfien dwar is-sitwazzjoni tat-tfal, bħall-persuni ta' fiduċja, it-tutur/ir-rappreżentant, l-indokratur kurrenti, l-assistenti soċjali fiċ-ċentru ta' akkoljenza, l-għalliem, eċċ. għandhom jiġu kkuntattjati. Fl-istess ħin, dawk li jaħdmu mat-tfal iridu jkunu jafu li t-tfal huma intitolati għal privatezza u jżommu relazzjoni kunfidenzjali mat-tutur, mar-rappreżentant legali u ma' kwalunkwe avukat ieħor tagħhom.

Jekk l-atturi li jkunu jafu bis-sitwazzjoni tat-tfal jintalbu jikkondividu informazzjoni mal-awtoritajiet tal-asil għall-fini tat-teħid ta' deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għal asil, dawn iridu jkunu ggwidati mill-BIC peress li dawn huma proċessi differenti b'objettivi differenti.

L-uffiċjal responsabbli għandu jiżgura li l-informazzjoni rilevanti kollha dwar it-tfal tkun disponibbli għall-awtoritajiet inkarigati mit-teħid ta' deċiżjoni dwar l-aħjar interessi tat-tfal f'sitwazzjoni speċifika. L-elementi rilevanti kollha għandhom jiġu analizzati kif xieraq qabel ma ssir rakkomandazzjoni jew tinħareġ deċiżjoni. Huwa importanti li jitqies kwalunkwe sfond kulturali u tal-familja rilevanti għall-aħjar interessi mingħajr ma jsiru suppożizzjonijiet dwar is-sitwazzjoni tat-tfal. It-tfal u/jew it-tutur dejjem għandhom jingħataw l-opportunità li jipprovdu dettalji ulterjuri.

## *Dokumentazzjoni tal-aħjar interessi tat-tfal*

Meta kwalunkwe uffiċjal tal-asil jibda jaħdem fuq każ li jinvolvi tfal, għandhom jiġu dokumentati diversi kwistjonijiet li jkunu se jibqgħu rilevanti tul il-proċedura ta' asil sħiħa u wara din. L-elementi kollha tal-proċess tal-BIC għandhom jiġu analizzati u evidenzjati għal valutazzjoni kontinwa u konsistenti. Il-kwistjonijiet rilevanti kollha għandhom ikunu dokumentati, pereżempju, fis-sistema ġenerali ta' ġestjoni tal-każijiet, fil-bażijiet ta' *data* rilevanti, fir-rapporti stampati fil-fajl, jew bl-użu ta' mudelli elettroniċi u ta' listi ta' kontroll.

Dan għandu jinkludi informazzjoni dwar is-sitwazzjoni tal-familja tat-tfal; ir-relazzjoni mal-indokratur kurrenti, mat-tutur/mar-rappreżentant jew mal-familja tar-rispett. Għal tfal mhux akkumpanjati u separati, dan għandu jinkludi r-raġunijiet għas-separazzjoni mill-familja, il-post tal-membri tal-familja, tal-aħwa jew tal-qraba; kunsiderazzjonijiet dwar il-kuntatt mal-familja; u kwalunkwe informazzjoni possibbli dwar Dublin, fejn rilevanit. Dan għandu jindika biċ-ċar kif inħarġet ir-rakkomandazzjoni fejn ir-restawr tal-kuntatti mal-famlija jitqies sikur għat-tfal u għall-familja, u fl-aħjar interessi tat-tfal.

L-informazzjoni użata, kif ukoll is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet għandhom ikunu dokumentati u rapportati, skont ir-regolamenti dwar il-protezzjoni tad-*data* ([64]), għall-finijiet ta' riferiment u ta' implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet. Ta' min jinnota li l-uffiċjal responsabbli għandu jivvaluta jekk għandhomx isiru eċċezzjonijiet rigward id-dritt tal-ġenituri li jaraw dokumenti jew informazzjoni partikolari rigward it-tfal tagħhom, skont l-età tat-tfal u l-kwistjoni, jiġifieri vjolenza, abbuż u kwistjonijiet oħra.

Fir-rigward ta' salvagwardji u ta' garanziji applikabbli, huwa importanti li jiġu enfasizzati r-rabtiet bejn l-APD (riformulazzjoni) u l-RCD (riformulazzjoni). Aspett minnhom tal-valutazzjoni tal-BIC b'mod olistiku hu li, meta din issir fi stadju bikri, jinġabru u jiġu dokumentati l-informazzjoni u l-evidenza dwar il-kwistjonijiet possibbli tal-ħtiġijiet proċedurali kif ukoll tal-akkoljenza.

([64]) B'rispett sħiħ tad-drittijiet għal privatezza u tal-istandards dwar il-protezzjoni tad-*data* u b'infurzar strett tar-regoli xierqa dwar il-ġbir, l-użu u ż-żamma ta' *data*, u l-aċċess għal din.

## *Ir-rispett tal-unità tal-familja*

Matul il-proċeduri ta' asil, għandu jiġi żgurat li l-kunċett ta' unità tal-familja jiġi rispettat, sakemm it-tħassib għall-benesseri jew għas-sikurezza tat-tfal ma jkunx jindika mod ieħor. It-tfal għandhom jingħataw il-possibbiltà li jipprovdu informazzjoni addizzjonali dwar il-każ tagħhom, pereżempju kwalunkwe kuntatt ġdid ma' membri tal-familja jew ma' qraba jew il-wasla imminenti ta' membri tal-familja jew ta' qraba fi Stat ieħor tal-UE+ (65). Din l-informazzjoni għandha tiġi vvalutata kif xieraq. Fil-każijiet ta' tfal separati, ir-rabtiet (tal-familja) iridu jiġu verifikati u valutati, biex jiġu identifikati r-riskji potenzjali.

Sa fejn possibbli, l-aħwa għandhom jinżammu flimkien, b'kunsiderazzjoni tal-aħjar interessi tat-tfal ikkonċernati u, b'mod partikolari, tal-età u tal-grad ta' maturità tagħhom. Tibdiliet fir-residenza ta' tfal mhux akkumpanjati għandhom ikunu limitati għall-minimu.

## *Valutazzjoni tal-applikazzjoni tat-tfal*

Meta tiġi valutata s-sustanza tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, trid tingħata l-attenzjoni dovuta għall-fatturi ta' riskju akbar li għalihom ikunu esposti t-tfal, u l-forom speċifiċi għat-tfal ta' persekuzzjoni jew ta' dannu serju (66) (pereżempju reklutaġġ taħt l-età fil-forzi armati, traffikar ta' tfal, prostituzzjoni ta' tfal u/jew ksur ta' drittijiet speċifiċi tat-tfal, prattiki tradizzjonali dannużi).

Meta tiġi kkunsidrata l-possibbiltà ta' protezzjoni interna (QD (riformulazzjoni) Premessi 25 u 27, Artikolu 8), l-aħjar interessi tat-tfal għandhom ikunu parti mill-investigazzjoni b'mod dirett.

Importanti li jiġi kkunsidrat li l-perċezzjoni taż-żmien tat-tfal tvarja minn dik tal-adulti f'termini ta' esperjenzi passati u nuqqas possibbli ta' ċarezza fir-rakkontar tagħhom. Dan jista' jkollu impatt qawwi fuq il-valutazzjoni tal-ħtieġa għal protezzjoni internazzjonali.

Fl-eżaminazzjoni tal-ħtiġijiet ta' protezzjoni ta' tfal mhux akkumpanjati jew separati, jista' jkun hemm bżonn li tingħata ponderazzjoni akbar lil ċerti fatturi oġġettivi meta jiġi eżaminat il-biża' ġustifikat ta' persekuzzjoni fuq il-bażi ta' dannu serju u/jew ir-riskju reali ta' dannu serju. Il-benefiċċju ta' dubju għandu jiġi applikat fl-eżaminazzjoni tal-ħtiġijiet ta' protezzjoni internazzjonali ta' tfal mhux akkumpanjati u separati (67).

## *Rakkomandazzjonijiet dwar l-aħjar interessi tat-tfal*

L-awtoritajiet kompetenti jridu jqisu l-informazzjoni miġbura matul l-intervisti li saru mat-tfal u mal-adulti u/jew mal-membri tal-familja li jakkumpanjawhom, u l-informazzjoni rilevanti kollha fil-fajl tat-tfal.

L-għoti ta' kunsiderazzjoni primarja lill-BIC fi kwalunkwe rakkomandazzjoni bil-miktub għandu jkun **spjegat** u **motivat**. Kwalunkwe rakkomandazzjoni għandha tindika biċ-ċar kif inbniet u twaslet. Għandu jkun hemm proċeduri operattivi standard ċari dwar kif ir-rakkomandazzjonijiet jiġu implimentati u minn min, inklużi dispożizzjonijiet għall-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet li skont dawn kwalunkwe tibdil neċessarju mbagħad ikun jista' jiġi inkorporat fil-proċess tal-BIC. Fl-livell nazzjonali, atturi differenti jkunu involuti fl-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet varji.

It-tfal għandhom ikunu informati bir-rakkomandazzjoni dwar il-BIC mill-awtorità ta' CP, b'mod separat mid-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tagħhom għal protezzjoni internazzjonali. It-tfal għandhom jiġu pprovduti wkoll bi spjegazzjoni ta' xi tfisser fil-prattika din ir-rakkomandazzjoni. Għandu jkun possibbli li jiġu rieżaminati jew riveduti r-rakkomandazzjonijiet fir-rigward tat-tfal.

(65) Ara r-rekwiżiti dwar it-traċċar tal-familja taħt l-Artikolu 24(3) RCD (riformulazzjoni).

(66) UNHCR, *Guidelines on International Protection No. 8: Child Asylum Claims under Articles 1(A)2 and 1(F) of the 1951 Convention and/or 1967 Protocol relating to the Status of Refugees*, 22 ta' Diċembru 2009, HCR/GIP/09/08.

(67) Separated Children in Europe Programme, *Statement of Good Practice*, Marzu 2010, ir-raba' edizzjoni riveduta, p. 36.

### Rimedju

It-tfal u t-tutur/ir-rappreżentant għandhom jirċievu spjegazzjoni adegwata dwar kwalunkwe **deċiżjoni** li taffettwa lit-tfal, inklużi l-eżitu u **spjegazzjoni tar-raġunijiet** sottostanti**.**

Dan se jippermetti għall-eżerċizzju sinifikanti tad-dritt tat-tfal għal rimedju. Dan id-dritt għandu jiġi eżerċitat fir-rigward ta’ **dan ir-raġunar legali ċar**.

Aċċess ekwitabbli għandu jiġi żgurat b’mod ulterjuri billi t-tfal u/jew ir-rappreżentant jingħataw aċċess effettiv għal proċedimenti ta’ rimedju mfassla apposta għat-tfal(*).

(*) Għal aktar informazzjoni dwar proċedimenti ġudizzjarji mfassla apposta għat-tfal, ara FRA, *Child-friendly justice – Perspectives and experiences of children involved in judicial proceedings as victims, witnesses or parties in nine EU Member States*, 2017.

## *Salvagwardji mhux fis-seħħ*

Meta wħud mis-salvagwardji msemmija hawn fuq ma jkunux fis-seħħ, l-eżaminazzjoni tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali tista’ tiġi sospiża. Dan għandu jiġi ponderat skont in-natura tas-salvagwardja nieqsa. Dan m’għandux jirriżulta f’ittardjar apposta u għalxejn tal-ipproċessar. Meta s-salvagwardja tkun fi ħdan ir-responsabbiltà tal-awtorità tal-asil, l-uffiċjal responsabbli għandu jirreferi l-każ internament. Meta awtorità jew parti deżinjata oħra tkun responsabbli biex tiżgura s-salvagwardja, l-awtorità tal-asil se tikkoordina ma’ dik il-parti biex tiżgura li tiddaħħal fis-seħħ is-salvagwardja nieqsa. Dak ir-riferiment għandu jkun dokumentat kif xieraq. Għandu jkun hemm allokazzjoni ċara tar-rwoli/tar-responsabbiltajiet.

# 3. L-implimentazzjoni tal-aħjar interessi tat-tfal fil-prattika

## 3.1 Kooperazzjoni mas-servizzi ta' protezzjoni tat-tfal

Il-kooperazzjoni mas-servizzi ta' CP hi kruċjali tul il-proċedura kollha kemm hi. L-awtoritajiet ta' CP iridu jinformaw lill-awtoritajiet tal-asil jekk it-tfal ikunu f'sitwazzjoni dannuża. Ġeneralment, fl-Istati tal-UE+, l-awtoritajiet tal-asil ma jkollhomx aċċess awtomatiku għall-valutazzjoni tal-aħjar interessi mwettqa mill-awtoritajiet ta' CP. Għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità u minħabba regolamenti stretti dwar id-*data*, l-awtoritajiet ta' CP u tal-asil jaf ma jikkondividux *data* jew informazzjoni. F'ċerti każijiet, l-uffiċċji nazzjonali tal-asil jaf lanqas biss ikunu jafu jekk l-awtoritajiet ta' CP ikunux involuti f'każ tat-tfal u viċi versa.

Hemm bżonn li jiġi żgurat li s-sistemi ta' protezzjoni internazzjonali jikkomunikaw mal-mekkaniżmi nazzjonali tas-sistemi ta' CP/ta' riferiment u jkunu konnessi magħhom. Protokolli u proċeduri operattivi standard koordinati għandhom jitfasslu bl-involviment ta' atturi governattivi u nongovernattivi ta' CP, ta' istituzzjonijiet u ta' fornituri ta' servizzi biex din il-konnessjoni ssir aktar effettiva. Għal tfal li jfittxu asil, l-involviment tas-servizzi ta' CP fil-mekkaniżmi ta' riferiment bħalissa hu limitat u għandu jkun imsaħħaħ u żgurat. Il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha fil-livell ċentrali u lokali għandhom tal-anqas jiltaqgħu f'intervalli regolari f'każ li ma jkun hemm ebda sistema ta' kondiviżjoni ta' informazzjoni fis-seħħ. F'każijiet individwali, għandu jkun ċar liema awtorità tkun responsabbli mill-ħatra ta' tutur/indokratur, għall-għoti ta' gwida, għall-benesseri u għall-istatus legali tat-tfal, peress li jaf ikun hemm lakuni fil-protezzjoni minħabba li awtoritajiet differenti jemmnu li huma oħrajn li jkunu respnosabbli minn ċerti aspetti tal-każijiet tat-tfal.

Hu rakkomandat li biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tas-salvagwardji msemmija fit-Taqsima 2, l-awtorità tal-asil għandha tikkoordina u tikkoopera mal-awtoritajiet ta' CP/mat-tuturi/ma' istituzzjonijiet rilevanti oħra biex tiggarantixxi li l-informazzjoni meħtieġa tkun kondiviża u disponibbli, u tintuża għall-benefiċċju tat-tfal individwali. Dan għandu jsir bir-rispett dovut tal-protezzjoni/tal-kunfidenzjalità tad-*data*. It-tfal għandhom jagħtu l-kunsens tagħhom għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni.

### *L-iżgurar tal-aċċess għal drittijiet oħra*

L-awtoritajiet rilevanti (l-awtoritajiet ta' akkoljenza, il-ministeri responsabbli, l-atturi ta' CP) f'kull Stat tal-UE+ għandhom jiżguraw ukoll li t-tfal ikollhom aċċess għal **skejjel u edukazzjoni** skont l-Artikolu 14 RCD (l-Artikolu 28 CRC ukoll), aċċess għal **kura tas-saħħa** skont l-Artikolu 19 RCD (l-Artikolu 24 CRC ukoll) u **akkomodazzjoni** xierqa.

## 3.2 L-implimentazzjoni tas-salvagwardji proċedurali

Kun af li l-Istati tal-UE+ għandhom ordni tal-istadji differenti. It-tabella ta' hawn taħt ma tissuġġerixxix sekwenza, iżda metodu. Tiddeskrivi kif wieħed jista' jivverifika jekk il-garanziji u s-salvagwardji applikabbli għall-fini tal-aħjar interessi tat-tfal humiex implimentati u x'għandhom jagħmlu l-uffiċjali responsabbli biex idaħħlu s-salvagwardji fis-seħħ. L-użu tal-lista ta' kontroll għandu jibda minn stadju bikri fil-proċedura tal-asil.

Atturi differenti jistgħu jaħdmu b'mod konġunt fuq il-lista ta' kontroll bħala dokument ħaj li jrid jimtela mill-awtoritajiet rispettivi li r-responsabbiltà tagħhom hi li jwettqu ċerti attivitajiet. Pereżempju, "It-tfal għandhom aċċess għal assistenza legali" — dan jista' jiġi kkonfermat mir-rappreżentant legali tat-tfal u tista' tiddaħħal informazzjoni rigward il-laqgħat ta' konsulenza legali li r-rappreżentant legali kellu mat-tfal.

| Il-garanziji u s-salvagwardji proċedurali | Azzjonijiet relatati mill-awtorità tal-asil |
|---|---|
| Is-sikurezza tat-tfal ġiet żgurata matul il-proċess kollu | Ivverifika u kkonferma li t-tfal mhumiex qed jaffaċċjaw xi emerġenza medika u/jew theddida serja għas-sikurezza u għall-integrità fiżika tagħhom matul il-proċedura ta’ asil/fil-post ta’ residenza inkluża kwalunkwe forma ta’ vjolenza, ta’ negliġenza u ta’ sfruttament. |
| It-tfal għandhom aċċess għal proċeduri mfassla apposta għat-tfal immexxija minn professjonisti kwalifikati u mħarrġa | Ivverifika u kkonferma li uffiċjali kwalifikati u mħarrġa kif xieraq biss huma involuti fl-intervistar u fl-indirizzar tal-każ tat-tfal. |
| Ġiet applikata eżaminazzjoni prijoritizzata | Ħares lejn l-iskeda ta’ żmien għall-każ tat-tfal u l-fajl, u żgura li ngħataw il-prijoritajiet xierqa, it-tfal ġew eżentati minn proċeduri fuq il-fruntiera u aċċellerati fejn rilevanti u ngħataw perjodi ta’ mistrieħ u ta’ rkupru xierqa. |
| It-tfal għandhom aċċess għal tutur/rappreżentant indipendenti u kwalifikat | Ivverifika meta tutur/rappreżentant inħatar għat-tfal u jekk dan kienx involut fl-istadji kollha tal-proċess li jikkonċerna lit-tfal, inkluża preżenza matul intervista. Bħala prattika tajba, għandu jkun hemm fis-seħħ sistema ta’ sorveljanza tal-ħidma tat-tutur/tar-rappreżentant. |
| It-tfal għandhom aċċess għal assistenza/pariri legali | Ivverifika u kkonferma li t-tfal kellhom u għad għandhom aċċess puntwali għal pariri u għal konsulenza legali. Iż-żmien meta dan kollu jsir hu importanti, jiġifieri pariri legali bikrija, preżenza matul l-intervista kif ukoll pariri fl-istadju tal-appelli. |
| It-tfal għandhom aċċess għal interpretazzjoni matul il-proċess. | Ivverifika u kkonferma li t-tfal għandhom aċċess għal interpretazzjoni f’lingwa li jifhmu. L-interpretu għandu jitħarreġ fl-interpretar għat-tfal u fl-użu ta’ lingwa mfassla apposta għat-tfal. Jekk l-interpretu ma jkunx imħarreġ b’mod speċifiku fil-ħidma mat-tfal, ara li jkun hemm sessjoni preparatorja adegwata biex l-interpretu jifhem it-tip ta’ lingwa li se jintuża, it-tip ta’ mistoqsijiet, il-ħtieġa li tintuża lingwa sempliċi. It-tfal għandhom il-possibbiltà li jilmentaw dwar problemi relatati mal-kwalità jew man-newtralità tal-interpretazzjoni u tat-traduzzjoni. Il-problemi bl-interpretazzjoni huma reġistrati u sorveljati.<br><br>Ivverifika u kkonferma kif il-komunikazzjoni ġiet żgurata qabel l-intervista u jekk l-arranġamenti tal-intervisti humiex adegwati. |
| It-tfal jifhmu u ġew informati b’mod adegwat u b’mod puntwali dwar il-proċess ta’ asil b’mod xieraq għall-età u f’lingwa li t-tfal jistgħu jifhmu. | Ivverifika u kkonferma li t-tfal irċivew informazzjoni mfassla apposta għat-tfal dwar il-proċessi ta’ asil, u li l-informazzjoni ġiet preżentata b’mod xieraq għall-ġeneru u għall-isfond kulturali tagħhom. Il-fehim tat-tfal ġie verifikat. Ġie verifikat jekk il-mod ta’ spjegazzjoni tqiesx xieraq u mfassal apposta għat-tfal. It-tfal jingħataw l-opportunità li jagħmlu mistoqsijiet. It-tfal intalbu jispjegaw li huma fehmu u jikkonfermaw, jikkoreġu jew jimlew l-informazzjoni skont il-bżonn. |
| Il-fehmiet tat-tfal instemgħu u ngħataw ponderazzjoni skont l-età u l-maturità | Ivverifika u kkonferma li kwalunkwe intervista mat-tfal inkludiet mistoqsijiet dwar kif it-tfal iħossuhom u x’jaħsbu t-tfal dwar is-sitwazzjoni tagħhom u s-suġġetti diskussi fl-intervista. Il-maturità tat-tfal u s-sostenn li jista’ jkollhom jew jistgħu jeħtieġu biex jesprimu l-fehmiet tagħhom għandhom jiġu esplorati u dokumentati. Il-fehmiet/ix-xewqat tat-tfal li jibqgħu fil-pajjiż, imorru f’pajjiż ieħor, eċċ. u r-raġunijiet għal dawk il-fehmiet għandhom jiġu mismugħa. |
| Il-bżonnijiet speċjali u l-vulnerabbiltajiet tat-tfal ġew identifikati u indirizzati | Ivverifika u kkonferma li saret valutazzjoni tal-bżonnijiet speċjali u li saru l-mistoqsijiet rilevanti matul kwalunkwe intervista mat-tfal biex jiġu identifikati u indirizzati kwalukwe bżonn speċjali, vulnerabbiltà jew riskju potenzjali, li jinkludu abbuż. Pereżempju, dan jista’ jinkludi mistoqsijiet dwar l-esperjenzi tat-tfal meta kienu f’pajjiżhom, matul l-ivvjaġġar jew fil-kamp, aspetti dwar is-saħħa, ir-relazzjoni mal-familja u/jew mal-indokratur li jakkumpanjawhom, fost oħrajn. |

| Il-garanziji u s-salvagwardji proċedurali | Azzjonijiet relatati mill-awtorità tal-asil |
|---|---|
| Għal tfal separati: ir-rabta tal-familja mal-indokratur ġiet konfermata (jekk applikabbli) | Ivverifika u kkonferma li r-rabta tal-familja ġiet verifikata u konfermata permezz ta' dokumentazzjoni u/jew permezz ta' mistoqsijiet rilevanti matul intervista jew permezz ta' metodi applikabbli oħra skont il-BIC, u s-sejbiet ġew dokumentati.<br><br>Jista' jkun hemm każijiet li fihom ikun fl-aħjar interessi tat-tfal separati li ma jitħallewx ma' adult li jiġi minnhom. F'każijiet bħal dawn, ara li t-tfal ma jitħallewx ma' adult li jiġi minnhom meta dan ma jkunx fl-aħjar interessi tagħhom. |
| L-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali qed tiġi vvalutata skont il-BIC | Qis l-impatt li l-età u potenzjalment it-trawma u/jew il-kundizzjonijiet psikoloġiċi għandhom fuq il-memorja u l-kapaċità li jagħtu informazzjoni kompluta u koerenti u, b'hekk, fuq il-valutazzjoni tal-kredibbiltà matul l-eżaminazzjoni. |
| **INFORMAZZJONI LI GĦANDHA TINĠABAR U TIĠI DOKUMENTATA** ([68]) | |
| Inġabru *data* personali u informazzjoni rilevanti | Ara li d-dettalji personali tat-tfal inġabru, li jinkludu mistoqsijiet dwar l-identità u s-saħħa, b'mod imfassal apposta għat-tfal u mhux intruživ. Kun af li japplikaw regolamenti stretti dwar il-privatezza.<br><br>Iddokumenta l-livell ta' edukazzjoni tat-tfal u l-interess li jkomplu l-edukazzjoni ([69]). Iddokumenta kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li tista' tassisti fil-valutazzjoni tal-aħjar interessi tat-tfal. |
| Għat-tfal akkumpanjati: inġabret informazzjoni dwar il-familja | Ivverifika u kkonferma li l-post tal-membri tal-familja u tal-qraba u l-istorja tal-familja ntalbu u nġabru. |
| Għal tfal mhux akkumpanjati u separati: ġew irreġistrati l-aħħar kuntatt mal-membri tal-familja magħruf, id-dettalji ta' kuntatt u r-raġunijiet għas-separazzjoni mill-familja | Ivverifika u kkonferma li nġabru u ġew irreġistrati l-aħħar kuntatt mal-membri tal-familja magħruf, id-dettalji ta' kuntatt u r-raġunijiet għas-separazzjoni mill-familja. Ivverifika u kkonferma li d-dettalji dwar kif it-tfal ġew isseparati ntalbu u ġew irreġistrati, inkluż ukoll kwalunkwe pjan tal-membri tal-familja li jivvjaġġaw fl-Ewropa u d-destinazzjoni(jiet) maħsuba tagħhom. Il-membri tal-familja jaf diġà jkunu jirresjedu f'pajjiż ieħor tal-UE. |
| It-traċċar tal-familja nbeda mill-aktar fis possibbli fejn xieraq | Ivverifika u kkonferma li ġie vvalutat jekk it-traċċar tal-familja huwiex fl-aħjar interessi tat-tfal u sikur għat-tfal u għall-membri tal-familja kkonċernati, u, jekk iva, ivverifika u kkonferma li t-traċċar tal-familja nbeda mill-awtorità responsabbli mit-traċċar tal-familja. |
| Ikkunsidra r-restawr tal-kuntatt mal-familja u/jew ir-riunifikazzjoni tal-familja | Ikkonferma jew ivvaluta jekk wara t-traċċar tal-familja, ir-restawr tal-kuntatt u/jew ir-riunifikazzjoni tal-familja humiex fl-aħjar interessi tat-tfal. |
| Il-valutazzjoni tal-età saret b'mod sikur għat-tfal u biss fejn kien hemm bżonn | Jekk il-valutazzjoni tal-età kienet rakkomandata, ivverifika u kkonferma jekk il-valutazzjoni tal-età hijiex fl-aħjar interessi tat-tfal u hijiex formalment motivata. Għandu jkun indikat biċ-ċar għaliex hi meħtieġa u liema metodoloġija hi fl-aħjar interessi tat-tfal b'rispett tas-saħħa u tad-dinjità. Din se tiddependi mis-sitwazzjoni partikolari tat-tfal, u tkun relatata mal-bżonnijiet speċjali identifikati tat-tfal u/jew mar-rekwiżiti proċedurali speċifiċi ([70]).<br><br>Jekk il-valutazzjoni tal-età diġà saret, ivverifika u kkonferma li saret/qed issir b'mod multidixxiplinari u bl-anqas mod intruživ possibbli, u li l-aħjar interessi tat-tfal ġew ikkunsidrati f'kull ħin. Kwalunkwe dettall miġbur matul valutazzjoni tal-età għandu jiġi inkluż fil-fajl u jiġi kkunsidrat kif xieraq. |
| Inġabret informazzjoni dwar in-netwerk soċjali tat-tfal | Fid-dawl tal-iżgurar tas-sikurezza tat-tfal, ivverifika jekk inġabritx id-*data* dwar il-konnessjonijiet tat-tfal, inklużi netwerks soċjali u rabtiet mas-soċjetà fil-pajjiż tal-asil. |

([68]) Speċifika x'għandu jkun f'fajl tal-karti/elettroniku qabel intervista personali.

([69]) Dan għandu jiġi kondiviż mal-indokratur/mat-tutur/mar-rappreżentant għall-finijiet ta' trattament jew ta' skejjel.

([70]) Għal aktar informazzjoni, ara EASO, *Practical guide on age assessment*, 2018.

| Il-garanziji u s-salvagwardji proċedurali | Azzjonijiet relatati mill-awtorità tal-asil |
|---|---|
| Inġabar l-input tal-esperti (rapporti, eċċ) | Żgura li r-rapporti tal-esperti ġew inklużi kif meħtieġ (rapporti mediċi, rapporti dwar vulnerabbiltajiet, rapporti tal-pulizija, eċċ.). Ivverifika u kkonferma li, jekk disponibbli, ingħatat/tingħata kunsiderazzjoni xierqa lil prova ta' trawma u/jew ta' kundizzjonijiet psikoloġiċi, jiġifieri Disturb minn Stress Postrawmatiku. |
| Ġie identifikat u dokumentat tħassib speċifiku (jiġifieri abbuż, THB) | Żgura li t-tħassib identifikat (li jinkludi abbuż, trawma, vjolenza, bżonnijiet speċjali/vulnerabbiltà, problemi mediċi, eċċ.) inġabar, ġie dokumentat u komunikat ma' awtoritajiet nazzjonali responsabbli oħra li jipproteġu d-drittijiet tat-tfal. Dan jinkludi tħassib jew indikazzjonijiet li t-tfal jinsabu f'riskju għoli ta' THB jew huma vittmi ta' THB, li t-tfal għandhom storja ta' abbuż, ta' negliġenza mġarrba jew ta' vjolenza, u kwalunkwe post magħruf tal-awturi. Inkludi tħassib dwar is-saħħa li jeħtieġ kura medika speċjali, kura tas-saħħa psikosoċjali jew mentali. |
| L-eżitu ġie dokumentat, motivat u fornut | Ara li t-tfal huma pprovduti b'deċiżjoni dwar l-asil bil-miktub u motivata (li tispjega, fost l-oħrajn, kif l-aħjar interessi tat-tfal ittieħdu bħala kunsiderazzjoni primarja), spjegata oralment b'mod imfassal apposta għall-età u f'lingwa li t-tfal jistgħu jifhmu. |

## 3.3 Iċ-ċirkustanzi individwali tat-tfal

Is-sitwazzjoni tat-tfal għandha tiġi vvalutata b'mod individwali, b'kunsiderazzjoni taċ-ċirkustanzi speċifiċi tat-tfal ikkonċernati. Ċirkustanzi bħal dawn jinkludu fatturi (mhux eżawrjenti) bħall-isfond kulturali u l-esperjenzi, l-età u l-maturità, il-ġeneru, l-identità tal-ġeneru u/jew l-orjentazzjoni sesswali, il-livell ta' edukazzjoni, u kwalunkwe vulnerabbiltà possibbli, inklużi problemi tas-saħħa fiżika u psikoloġika u trawma, fost l-oħrajn, tat-tfal ([71]). Kwalunkwe rapport eżistenti rigward it-tfal, bħal rapporti mediċi, valutazzjonijiet dwar vulnerabbiltajiet, jew kwalunkwe dokument ieħor disponibbli fi kwalunkwe punt matul il-proċess għandu jiġi dokumentat u jingħata l-ponderazzjoni xierqa.

## 3.4 Riskji u vulnerabbiltajiet akbar potenzjali

Huwa importanti li jiġu esplorati u valutati r-riskji potenzjali, li jinkludu riskji moħbija li t-tfal jistgħu jaffaċċjaw. Dawn ir-riskji għandhom jiġu reġistrati, filwaqt li jiġi indikat it-tħassib speċifiku li ġie identifikat. Eżempji jinkludu sitwazzjonijiet li fihom it-tfal:

- affaċċjaw jew aktarx li jaffaċċjaw abbuż jew vjolenza;
- huma vittmi ta' THB;
- għandhom xi bżonn speċjali — mediku jew psikoloġiku — jew vulnerabbiltajiet oħra;
- ma jifilħux jivvjaġġaw;
- qed jippjanaw li jaħarbu jew huma f'riskju li jaħarbu;
- kwalunkwe tħassib ieħor imqajjem mit-tfal, jew minn kwalunkwe persuna oħra, jew notat/dokumentat matul l-intervisti jew fir-rapporti tal-esperti.

Dawn ir-riskji għandhom ikunu spjegati f'dettall b'mod ċar u pjan għall-indirizzar tat-tħassib b'soluzzjonijiet kemm fit-terminu qasir kif ukoll fit-tul għandu jiġu inkluż u jingħata segwitu mill-awtoritajiet ta' CP. Jekk jiġu identifikati xi vulnerabbiltà jew riskju, it-tutur/ir-rappreżentant irid jiġi informat u/jew ikkonsultat.

Meta jiġu identifikati riskji jew vulnerabblitajiet, irid jiġi vvalutat jekk it-tfal humiex fil-bżonn ta' garanziji proċedurali speċjali u jekk għandhomx jiġu riferuti għal appoġġ u/jew għal valutazzjoni ulterjuri fi ħdan l-awtorità tal-asil, jew għal fornitur ta' servizz ieħor jew għal awtorità oħra, bħall-awtorità ta'

([71]) Irreferi għall-elementi tal-aħjar interessi għall-kunsiderazzjoni spjegati fil-Kumitat CRC, Kumment Ġenerali Nru 14 (2013) dwar id-dritt tat-tfal li jkollhom l-aħjar interessi tagħhom meħuda bħala kunsiderazzjoni primarja (art. 3, para. 1), 29 ta' Mejju 2013, CRC /C/GC/14, p. 13 'il quddiem.

akkoljenza jew ta' CP, biex jiġu żgurati s-**sikurezza u l-benesseri** tat-tfal. Riferiment bħal dan jista' jkun għal konsultazzjoni professjonali jew għal konsulenza legali. Eżempju hu r-riferiment tal-vittmi tfal ta' traffikar għal mekkaniżmi xierqa ta' riferiment, biex tiġi żgurata l-komunikazzjoni tas-sistemi internazzjonali ta' protezzjoni u ta' kontra t-traffikar.

F'termini ta' ħtiġijiet speċjali, riferiment għall-assistenza għandu jseħħ skont il-bżonn, pereżempju, għal kura u għal appoġġ mediċi jew psikoloġiċi jew għal assistenza materjali, jiġifieri għal tfal b'diżabilitajiet. M'għandha tkun inkluża ebda konklużjoni rigward id-djanjosi tas-saħħa tat-tfal jew tal-applikanti li jakkumpanjawhom, sakemm ma jkunx mehmuż rapport mediku.

Valutazzjoni ulterjuri ta' espert (mediku, legali) tista' tkun meħtieġa biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni ta' garanziji proċedurali speċjali matul il-proċeduri ta' asil kollha. Pereżempju, valutazzjoni minn espert ta' vjolenza/abbuż tista' ssostni l-għoti ta' assistenza speċjali biex tiġi indirizzata t-trawma kkawżata minnhom. Din tista' tinkludi, pereżempju, it-talba ta' għajnuna mingħand esperti mediċi jew oħrajn. Il-kunsens tat-tfal u/jew tat-tutur/tar-rappreżentant jista' jkun meħtieġ ukoll għal din. Kwalunkwe azzjoni meħuda għandha tiżgura li jkun fl-aħjar interessi tat-tfal li tittieħed u li l-proċedura ta' asil ma tkunx imtawla għalxejn.

## 3.5 Perkorsi proċedurali differenti

L-aħjar interessi tat-tfal għandhom jiġu vvalutati meta jkunu se jiġu applikati proċeduri differenti għall-każijiet tat-tfal. Fejn tkun meħtieġa għandha tiġi stabbilita koordinazzjoni ma' awtoritajiet rilevanti oħra.

### *Ir-Regolament ta' Dublin*

Ir-Regolament ta' Dublin III jipprovdi għal salvagwardji għal tfal mhux akkumpanjati meta jiġi kkunsidrat jekk trasferiment fi Stat Membru ieħor ikunx fl-aħjar interessi tat-tfal. Il-valutazzjoni tal-aħjar interessi għar-Regolament ta' Dublin III għandha tinkludi l-elementi rilevanti kollha tal-aħjar interessi tat-tfal, bil-ponderazzjoni attribwita lil kull element li jkun dipendenti mir-relazzjoni tiegħu mal-oħrajn. Fl-Artikolu 6(3) ir-Regolament ta' Dublin III jispeċifika — għad li ma jibnix lista eżawrjenti — li l-elementi li ġejjin għandhom jittieħdu f'kunsiderazzjoni: il-possibbiltajiet ta' riunifikazzjoni tal-familja, il-benesseri u l-iżvilupp soċjali tat-tfal, kunsiderazzjonijiet dwar is-sikurezza u s-sigurtà, b'mod partikolari meta t-tfal ikunu f'riskju li jisfaw vittma ta' THB, kif ukoll il-fehmiet tat-tfal skont l-età u l-maturità tagħhom, inkluż l-isfond tat-tfal.

L-aħjar interessi tat-tfal huma kunsiderazzjoni primarja għall-azzjonijiet kollha skont ir-Regolament ta' Dublin III.

### *Il-proċeduri aċċellerati u fuq il-fruntiera*

Barra minn hekk, l-aħjar interessi tat-tfal għandhom ikunu l-kunsiderazzjoni primarja meta jittieħdu deċiżjonijiet f'konformità mat-tieni paragrafu tal-Artikolu 24(3) tal-APD (riformulazzjoni). L-awtoritajiet tal-asil m'għandhomx japplikaw jew jieqfu japplikaw proċeduri aċċellerati jew fuq il-fruntiera meta ma jkunx jista' jiġi pprovdut sostenn adegwat lill-applikanti fil-bżonn ta' garanziji proċedurali speċjali (bħal tfal mhux akkumpanjati jew separati) fi ħdan il-kuntest ta' proċeduri bħal dawn.

Barra minn hekk, skont l-Artikolu 25(6)(b) APD (riformulazzjoni), il-proċeduri aċċellerati jew fuq il-fruntiera **jistgħu jiġu applikati biss** għal tfal mhux akkumpanjati jekk:

- l-applikant ikun ġej minn pajjiż ta' oriġini sikur;
- l-applikant ikun introduċa applikazzjoni sussegwenti (li ma tkunx inammissibbli);
- l-applikant jista' jitqies bħala periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku;
- ikun japplika l-kunċett ta' "pajjiż terz sikur" (proċedura fuq il-fruntiera biss);
- l-applikant ikun ippreżenta dokumenti foloz (proċedura fuq il-fruntiera biss);
- l-applikant, b'rieda ħażina, ikun qered jew rema dokument ta' identità jew tal-ivvjaġġar (proċedura fuq il-fruntiera biss).

L-aħħar żewġ raġunijiet huma applikabbli biss f'każijiet individwali li fihom ikun hemm raġunijiet serji għaliex jiġi kkunsidrat li l-applikant ikun qed jipprova jaħbi elementi rilevanti li aktarx li jwasslu għal deċiżjoni negattiva, dment li tkun ingħatat opportunità sħiħa biex juri kawża ġusta tal-azzjoni.

Fl-implimentazzjoni tal-kunċetti ta' pajjiż ta' oriġini sikur u ta' pajjiż terz sikur, l-Istati Membri jridu jqisu ċ-ċirkustanzi individwali/partikolari, li jinkludi l-eżentar ta' tfal mhux akkumpanjati mill-applikazzjoni tagħhom fejn rilevanti. Il-kunċetti ta' proċeduri fuq il-fruntiera u aċċellerati mhumiex imfassla biex jaqdu l-aħjar interessi tat-tfal. Kemm fil-proċeduri fuq il-fruntiera kif ukoll f'dawk aċċellerati, il-possibbiltajiet biex jinkisbu informazzjoni u konsulenza adegwati, u ż-żmien biex jitħejja l-każ tat-tfal ikunu aktar limitati.

Ħafna tfal ikunu obbligati jippreżentaw dokumenti foloz jew jeqirdu d-dokumenti tagħhom għaliex jibżgħu minn konsegwenzi negattivi jew ikunu mġiegħla jagħmlu dan mit-traffikanti jew minn adulti oħra. Jekk ma jiġux interpretati skont il-BIC, dawn il-kriterji msemmija qabel jistgħu jwasslu biex tfal vulnerabbli, mhux akkumpanjati jew separati jiġu allokati fi proċeduri fejn id-dritt għal informazzjoni tagħhom, il-konsulenza u ż-żmien għat-tħejjija tal-każ tagħhom ikunu ristretti, u potenzjalment dan ikun jikkawża riskji għall-protezzjoni.

### *Perkorsi proċedurali oħra*

F'sitwazzjonijiet li fihom perkorsi proċedurali u stati legali oħra, lil hinn mill-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, jistgħu jkunu fl-aħjar interessi tat-tfal, għandhom jiġu rakkomandati soluzzjonijiet xierqa f'koordinazzjoni mal-awtoritajiet rilevanti u bl-involviment tat-tutur/tar-rappreżentant tat-tfal, skont id-dritt u l-prattika nazzjonali. Soluzzjonijiet bħal dawn jistgħu jinkludu riferiment tat-tfal għal proċeduri speċifiċi għall-vittmi ta' traffikar jew għal persuni apolidi, pereżempju, jew it-tfittix ta' aktar minn perkors legali wieħed fl-istess ħin.

## 3.6 Il-ħatra ta' qarib/adult li jakkumpanja bħala indokratur/tutur

L-indokratur/it-tutur tat-**tfal separati**(⁷²) jaqdi rwol importanti fis-sostenn tal-proċess tal-aħjar interessi tat-tfal. Meta jiġu mismugħa l-fehmiet tat-tfal dwar kwistjoni speċifika, hu rakkomandat li jiġu mismugħa wkoll il-fehmiet tal-adulti li jakkumpanjaw, speċjalment meta jkunu nħatru bħala indokratur/tutur.

Tutur indipendenti tat-tfal mhux akkumpanjati maħtur mill-awtorità nazzjonali rilevanti jew mill-qorti għandu jingħata wkoll modi oħra kif jesprimi l-fehmiet tiegħu rigward l-aħjar interessi tat-tfal.

Ir-relazzjoni tat-tfal separati mal-indokratur/mat-tutur stess ukoll trid tiġi vvalutata bħala parti mill-ibbilanċjar tal-elementi tal-aħjar interessi. Ix-xenarju msemmi l-aħħar jirreferi primarjament għal tfal separati meta l-adult li jakkumpanja jkun qarib u jkun jista' jinħatar bħala indokratur/tutur. Trid issir intervista mal-qarib jew mal-adult li jakkumpanja biex jiġu ċċarati kwistjonijiet relatati mal-arranġamenti tat-tutela u/jew tat-tħaris. Ir-relazzjoni bejn il-qarib jew l-adult li jakkumpanja u t-tfal għandha tiġi vvalutata qabel il-ħatra ta' indokratur/tutur. Ir-relazzjoni bejn it-tfal u l-membri tal-familja tal-indokratur għandha tiġi vvalutata wkoll mill-awtoritajiet ta' CP, u l-eżitu għandu jittieħed f'kunsiderazzjoni.

Kwalunkwe tħassib relatat mal-arranġamenti tat-tħaris/mar-rappreżentazzjoni għandu jiġi eżaminat aktar qabel ma tinħareġ rakkomandazzjoni dwar il-BIC. F'każ ta' tħassib dwar ir-relazzjoni, għandu jiġi kkunsidrat jekk il-preżenza tal-indokratur/tat-tutur matul l-intervista personali tat-tfal hix meħtieġa jew jekk għandux ikun l-avukat li jkun preżenti, minflok, pereżempju. Fir-rigward tal-attenzjoni tal-uffiċjal responsabbli li t-tfal mhumiex imħarsa kif suppost jew jaffaċċjaw diffikultajiet bl-indokratur kurrenti, dan għandu jissenjala dawn il-problemi u jirrapportahom lill-awtoritajiet kompetenti, li jinkludu l-atturi ta' CP.

(⁷²) Persuna fiżika li tiġi mill-viċin/qarib tat-tfal.

# 4. L-indikaturi ta' vulnerabbiltà u ta' riskju għat-tfal

It-tfal li japplikaw għal protezzjoni internazzjonali jinsabu f'sitwazzjoni partikolarment vulnerabbli. Hu importanti ħafna li l-uffiċjali responsabbli jkunu jistgħu jidentifikaw kwalunkwe indikatur ta' vulnerabbiltà u ta' bżonnijiet speċjali addizzjonali u jkunu ppreparati biex jagixxu fir-rigward tagħhom. Dawn jistgħu jkunu, fost l-oħrajn, li t-tfal ikunu vittmi ta' THB jew f'riskju ta' dan, jew ikunu ġew soġġetti għal forom serji oħra ta' vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali u sessista, inklużi l-M/QĠF, ta' żwieġ sfurzat u bikri, ta' dannu mentali u fiżiku, u ta' forom oħra ta' abbuż jew ta' sfruttament, tfal kapijiet tal-familja, tfal apolidi, ġenituri adoloxxenti, tfal li kienu parti minn gruppi armati, tfal li jbatu minn mard serju, tfal bi problemi tas-saħħa mentali, eċċ.

> Il-fatturi li jixħtu t-tfal f'sitwazzjoni ta' riskju akbar jistgħu jinkludu kemm riskji fl-ambjent usa' tal-protezzjoni kif ukoll riskji li jirriżultaw minn ċirkustanzi individwali, b'kunsiderazzjoni tal-effetti kumulattivi tal-esponiment għal diversi fatturi ta' riskju [...] ([73]).

Meta jiġi identifikat riskju bħal dan, ir-rwol tal-awtorità li tipproċessa l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali fir-riferiment tat-tfal għal istituzzjonijiet/organizzazzjonijiet speċjalisti għal intervent u għal sostenn rilevanti hu importanti ħafna, speċjalment meta dan ma jsirx mir-rappreżentant/mit-tutur. L-awtorità tal-asil għandha r-responsabbiltà li tidentifika tfal f'riskju f'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet ta' CP iżda anki li tiżgura l-involviment ta' attur speċjalist. B'mod separat, l-awtoritajiet tal-asil għandhom jeżaminaw l-indikaturi ta' riskju u l-esperjenzi tat-tfal bħala elementi li jikkontribwixxu għas-sustanza ta' talba ta' asil (eż. persekuzzjoni speċifika għat-tfal, ara aktar 'il fuq fil-Valutazzjoni tal-applikazzjoni tat-tfal).

**!** *NB:* Tfal li jisfaw niqsin isiru aktar vulnerabbli. Ir-riskju li t-tfal jgħibu/jisfaw niqsin mill-akkomodazzjoni tagħhom għal kwalunkwe raġuni, inkluż tentattiv li jaqsmu fi Stat ieħor tal-UE+, għandu jiġi vvalutat. Ir-riskju jista' jiġi mitigat bl-informar kif xieraq lit-tfal dwar il-proċeduri ta' asil u dwar l-iskedi ta' żmien mistennija, billi t-tfal jiġu pprovduti b'mod regolari b'informazzjoni ċara, li tinftiehem u mfassla skont l-età, speċifikament dwar il-konsegwenzi u r-riskji ta' tentattivi ta' vjaġġi fi Stat ieħor tal-UE+ b'mod irregolari, kemm jekk waħedhom kif ukoll bl-appoġġ ta' netwerks kriminali jew ta' traffikanti. Il-prijoritizzazzjoni tal-każ hi mod ieħor kif jiġi mmitigat dan ir-riskju.

## *Tfal akkumpanjati mill-ġenituri*

Fi proċeduri ta' asil, tfal mhux akkumpanjati u separati jkunu identifikabbli minnufih bħala f'riskju iżda t-tfal akkumpanjati mill-ġenituri tagħhom jistgħu jkunu f'riskju wkoll. Dawn ir-riskji għandhom tendenza li jiġu sottovalutati jew injorati faċilment. Il-ħtiġijiet tat-tfal għandhom jiġu indirizzati b'mod indipendenti minn jekk it-tfal humiex reġistrati bħala dipendenti tal-ġenituri tagħhom jew le. F'każijiet li fihom l-interessi tat-tfal u l-interessi tal-ġenitur ikunu f'kunflitt, uħud mis-salvagwardji deskritti aktar 'il fuq, bħall-aċċess għal tutur indipendenti (f'każijiet ta' kwistjonijiet relatati mal-kustodja), pariri legali u konsulent legali, isiru partikolarment rilevanti għat-tfal akkumpanjati. L-awtorità nazzjonali tal-asil, flimkien mal-atturi ta' CP, ikollha bżonn tivvaluta jekk it-tfal għandhomx jiġu intervistati fil-preżenza tal-konsulent legali minflok fil-preżenza tal-ġenituri tagħhom, jekk il-ġenituri għandux ikollhom aċċess għall-fajl tal-każ tat-tfal fejn tkun inkluża informazzjoni kunfidenzjali; u jekk it-tfal u l-ġenituri għandux ikollhom deċiżjonijiet separati dwar l-applikazzjonijiet tagħhom għal protezzjoni internazzjonali. Hu ta' importanza assoluta li d-dikjarazzjonijiet tat-tfal ma jintużawx kontra t-tfal meta tiġi eżaminata l-applikazzjoni tagħhom għal protezzjoni internazzjonali jew meta jiġi eżaminat il-każ tal-ġenituri tagħhom. It-tfal għandhom ikunu informati u aċċertati dwar dan matul l-intervista. Għandha tingħata attenzjoni f'dak li jirrigwarda l-użu tad-dikjarazzjonijiet tat-tfal kontra l-ġenituri.

([73]) UNHCR, *Conclusion on Children at Risk no.107*, A/AC.96/10485, Ottubru 2007.

**Eżempju ta' prattika**

Id-**DK** tirrakkomanda li l-awtoritajiet tal-asil joqogħdu attenti ħafna meta jużaw id-dikjarazzjonijiet tat-tfal fil-każ tal-ġenituri meta dawn ikunu se jinfluwenzaw il-każ tagħhom b'mod negattiv, speċjalment jekk jirriskjaw li jixħtu lit-tfal f'sitwazzjoni li fiha t-tfal jistgħu jkunu soġġetti għal tpattija min-naħa tal-ġenituri.

Madankollu, l-awtoritajiet Daniżi jqisu li d-dikjarazzjonijiet proprji tat-tfal jistgħu jintużaw fil-każ tat-tfal stess, skont l-età u l-maturità tat-tfal, u skont iċ-ċirkustanzi li fihom jingħataw id-dikjarazzjonijiet.

B'mod ġenerali, l-awtorità nazzjonali tal-asil għandha tara li kull meta tindirizza każ bħal dan, it-tfal ma jinxteħtux f'sitwazzjoni li tista' tikkawżalhom ħsara. Skont iċ-ċirkustanzi, informazzjoni kunfidenzjali m'għandhiex tiġi pprovduta lill-ġenituri mingħajr il-kunsens tat-tfal. Kull meta jiġu nnotati sinjali ta' abbuż, ta' negliġenza u/jew ta' sfruttament, l-uffiċjal responsabbli għandu jara li l-awtoritajiet rilevanti jkunu informati kif xieraq u li t-tfal jirċievu l-assistenza u l-kura.

## *Tfal separati*

It-tfal separati huma vulnerabbli għal diversi riskji li jaffettwawlhom il-ħajja, is-sopravivenza u l-iżvilupp tagħhom, u jridu jittieħdu miżuri biex it-tfal jitħarsu minn tali riskji ([74]).

It-tfal separati jistgħu jaffaċċjaw riskji partikolari li jwasslu biex jisfgħu vittmi ta' abbuż f'idejn l-adult li jakkumpanja jew adulti oħra. Dan hu l-każ b'mod partikolari meta l-adult ma jkunx kapaċi jipprovdi kura b'mod effettiv għat-tfal jew ikun jista' jabbuża mit-tfal jew jittraskurahom. Hu partikolarment importanti li jiġu vverifikati l-konnessjonijiet u r-rabtiet bejn it-tfal u l-adult biex jiġi żgurat li r-relazzjoni tkun fl-aħjar interessi tat-tfal. L-implikazzjonijiet possibbli ta' sitwazzjonijiet ta' traffikar u/jew ta' faċilitazzjoni ta' dħul klandestin fuq l-aħjar interessi tat-tfal għandhom jiġu vvalutati bir-reqqa. Fl-istess ħin, jekk it-tfal ma jitħallewx jidħlu f'kuntatt mal-adult li jakkumpanja, li jista' jkun l-unika persuna li jafdaw it-tfal fis-sitwazzjoni ta' ċaqliq sfurzat, tista' tiġi kkawżata ħsara għat-tfal. B'hekk, l-elementi rilevanti kollha jridu jiġu kkunsidrati bir-reqqa f'konformità mal-aħjar interessi tat-tfal. Għal tfal vittmi ta' traffikar, is-separazzjoni mill-ġenituri tista' tkun ir-riżultat tat-traffikar tagħhom jew fattur ta' riskju biex jiġu traffikati ([75]). Dan hu importanti b'rabta mal-kunsiderazzjonijiet dwar is-sikurezza u s-sigurtà meta jkun hemm riskju li t-tfal jiġu traffikati.

## *Tfal miżżewġin*

Iż-żwieġ tat-tfal iseħħ meta wieħed mill-konjuġi jew it-tnejn li huma jkollhom anqas minn 18-il sena. Għad li dan il-fenomenu jista' jaffettwa kemm lit-tfajliet kif ukoll lis-subien, dawn tal-ewwel iġarrbu l-konsegwenzi l-aktar negattivi. Tfal miżżewġin jaf ikollhom konjuġi ferm akbar minnhom. F'każijiet bħal dawn, it-tfajliet ġeneralment ikunu aktar vulnerabbli. Tfajliet miżżewġin spiss jinqabdu tqal waqt li jkunu għadhom adoloxxenti, u għalhekk jirriskjaw li jesperjenzaw kumplikazzjonijiet perikolużi fit-tqala u fil-ħlas. Kemm tfajliet kif ukoll subien miżżewġin jistgħu jkunu esposti għal mard trażmess sesswalment, li jinkludi l-HIV, u jistgħu jesperjenzaw vjolenza intima mis-sieħeb tagħhom.

Il-Kumitat CRC jirrakkomanda li tiġi stabbilita l-età minima għaż-żwieġ bil-kunsens tal-ġenituri jew mingħajr għal 18-il sena, kemm għat-tfajliet kif ukoll għas-subien ([76]).

Il-Kunsill tal-Ewropa jappella lill-Istati Membri tiegħu biex "jistabbilixxu jew jgħollu l-età statutorja minima taż-żwieġ għan-nisa u għall-irġiel għal 18-il sena" u jesiġi wkoll li huma "jonqsu milli jirrikonoxxu

([74]) Il-Kumitat CRC, Kumment Ġenerali Nru 6 (2005): It-trattament ta' tfal mhux akkumpanjati u separati barra l-pajjiż ta' oriġini tagħhom, 1 ta' Settembru 2005, CRC/GC/2005/6, paragrafi 23-24.

([75]) FRA, *Handbook on Guardianship systems for children deprived of parental care in the European Union — with a particular focus on their role in responding to child trafficking*, Ottubru 2015.

([76]) Il-Kumitat CRC, Kumment Ġenerali Nru 4 (2003) Is-Saħħa u l-Iżvilupp ta' Adoloxxenti fil-Kuntest tal-Konvenzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal, 1 ta' Lulju 2003, CRC/GC/2003/4.

żwiġijiet sfurzati u żwiġijiet tat-tfal li jsiru barra l-pajjiż ħlief meta r-rikonoxximent ikun fl-aħjar interessi tal-vittmi fir-rigward tal-effetti taż-żwieġ, b’mod partikolari għall-fini ta’ kisba ta’ drittijiet li, kieku, ma jkunux jistgħu jiksbu” [traduzzjonijiet mhux uffiċjali] (77).

Iż-żwieġ tat-tfal għandu jibbenefika minn drittijiet u minn garanziji proċedurali speċjali skont l-*acquis* tal-UE dwar l-asil. Skont immappjar imwettaq mill-FRA, fl-Istati Membri kollha, l-età minima meħtieġa għaż-żwieġ tikkoinċidi mal-età tal-adultezza u hi stabbilita għal 18-il sena — bl-eċċezzjoni tal-**Iskozja**, fejn l-età taż-żwieġ hi ta’ 16-il sena, li hi wkoll l-età tal-adultezza. Il-biċċa l-kbira tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tipprevedi l-possibbiltà ta’ żwieġ qabel l-ilħuq tal-età tal-adultezza bil-kunsens tal-ġenituri u/jew ta’ korp ġudizzjarju jew amministrattiv. F’**DK**, **DE**, **NL** u **SE** biss (kif ukoll **PL**, iżda fir-rigward tal-irġiel biss), ma teżisti ebda possibbiltà ta’ żwieġ meta jkunu għadhom ma ngħalqux it-18-il sena (78). Skont it-tweġibiet għall-kwestjonarju tal-2017 tal-EASO (79), tfal miżżewġwin huma meqjusa mhux akkumpanjati f’**AT, BE, CH, CY, DE, EL, FI, LT, NL, NO, PL, SK** u **SE**. F’**EE**, **SI** u **ES**, dan hu l-każ jekk ikollhom anqas minn 16-il sena.

Id-definizzjoni ta’ tfal mhux akkumpanjati fl-*acquis* dwar l-asil ma teskludix b’mod espliċitu lil tfal miżżewġin (80). Għaldaqstant, sakemm il-liġi jew il-prattika tal-Istat tal-UE+ ikkonċernat ma tirrikonoxxix iż-żwieġ, it-tfal miżżewġa għandhom jitqiesu mhux akkumpanjati u jibbenefikaw mill-garanziji proċedurali speċjali disponibbli għal tfal mhux akkumpanjati skont l-APD (riformulazzjoni), jew akkumpanjati jekk it-tfal ikunu akkumpanjati minn ġenituri/tutur legali. Fl-Istati Membri fejn l-età tal-kunsens użata tkun skont il-pajjiż ta’ oriġini, iżda mhux skont l-Istat Membru stess, għandhom jiddaħħlu fis-seħħ salvagwardji speċjali.

Fil-kategorija tal-età minn 15 sa 18-il sena, il-liġijiet u/jew il-prattiki tal-Istati Membri jvarjaw rigward ir-rikonoxximent ta’ konjuġi adulti bħala responsabbli minn konjuġi taħt l-età. F’ħafna mill-Istati Membri, iż-żwiġijiet tat-tfal mhumiex permessi/rikonoxxuti bil-liġi/prattika. Jekk il-konjuġi taħt l-età jkunu qed jivvjaġġaw biss mal-konjuġi adulti u ma jkunux akkumpanjati mill-ġenituri/mit-tutur tagħhom, it-tfal miżżewġin għandhom jitqiesu “mhux akkumpanjati”.

Meta tingħata kunsiderazzjoni primarja lill-aħjar interessi (81) tat-tfal miżżewġin fil-proċeduri ta’ asil, ir-relazzjoni bejn it-tfal u l-konjuġi trid tiġi kkunsidrata bir-reqqa, inkluż bis-smigħ tat-tfal dwar in-natura taż-żwieġ, dwar kif jixtiequ jipproċedu, jekk jixtiqux jibqgħu mal-konjuġi jew jixtiqux jiġu sseparati.

Peress li t-tfal ma jistgħux jagħtu kunsens għaż-żwieġ, jekk it-tfal jiksbux benefiċċju jekk jibqgħu ma’ konjuġi adulti għandu jiġi ddeterminat minn assistent soċjali u/jew mill-awtoritajiet ta’ CP, b’kunsiderazzjoni tal-protezzjoni tat-tfal u b’kont meħud tal-elementi kollha tal-BIC — b’mod partikolari l-kunsiderazzjonijiet dwar is-sikurezza u s-sigurtà — fost l-oħrajn. Huwa importanti li jiġi kkunsidrat jekk il-koppja għandhiex ulied għaliex, u jekk iva, id-dritt għal unità tal-familja, u jekk jistax ikun hemm tħassib addizzjonali dwar il-protezzjoni għal dawk l-ulied. L-aħjar interessi ta’ wlied it-tfal miżżewġin għandhom jiġu vvalutati b’mod separat ukoll.

Ladarba jiġi stabbilit li jkun fl-aħjar interessi tat-tfal, u f’dan il-każ biss, jista’ jiġi kkunsidrat jekk it-tfal u l-konjuġi għandhomx jiġu vvalutati fl-istess fajl tal-każ. Meta t-tfal ikunu ġenituri wkoll, iridu jiġu implimentati miżuri ta’ protezzjoni u salvagwardji addizzjonali. B’mod partikolari, il-prinċipju tal-aħjar interessi jrid jiġi kkunsidrat għat-tfal kif ukoll għal uliedhom.

F’sitwazzjoni li fihom it-tfal ikunu sseparati mill-ġenituri/mit-tutur legali tagħhom, l-awtoritajiet tal-Istati tal-UE+ għandhom jiżguraw li l-konjuġi ma jinħatrux bħala t-tutur tat-tfal. L-involviment mill-qrib tal-awtoritajiet ta’ CP u ta’ awtoritajiet rilevanti oħrajn fl-Istati tal-UE+ hu meħtieġ biex tiġi żgurata l-protezzjoni tat-tfal miżżewġin matul il-proċedura kollha.

(77) Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa, Riżoluzzjoni 1468 (2005) dwar żwiġijiet sfurzati u żwiġijiet tat-tfal, 5 ta’ Ottubru 2005.

(78) FRA, *Mapping minimum age requirements with respect to the rights of the child in the EU: Marriage with consent of a public authority and/or public figure*, 2017.

(79) Ippreżentat matul il-Konferenza Annwali tal-EASO dwar it-Tfal f’Diċembru 2017.

(80) L-Artikolu 2(l) QD (riformulazzjoni).

(81) Għal aktar informazzjoni dwar l-età minima, materjal dwar tfal miżżewġin, u kif il-liġijiet tal-SM jirregolawha, ara FRA, *Mapping minimum age requirements with respect to the rights of the child in the EU: Marriage with consent of a public authority and/or public figure*, 2017.

Il-kwistjonijiet imsemmija hawn fuq jistgħu jaffettwaw l-arranġamenti ta' akkoljenza u l-istandards ta' akkoljenza/akkomodazzjoni. Madankollu, dan jibqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-gwida prattika ([82]).

## *Tfal vittmi ta' traffikar*

Kwalunkwe riskju potenzjali ta' traffikar tat-tfal għandu jiġi kkunsidrat bir-reqqa. Kunsiderazzjonijiet relatati mas-sikurezza u mas-sigurtà għandhom jitqiesu meta jiġu bbilanċjati l-elementi tal-BIC u r-riskju li t-traffikanti jidhru bħala/taparsi jkunu adulti li jakkumpanjaw. Identifikazzjoni limitata, aċċess inadegwat għal informazzjoni dwar id-drittijiet tal-vittmi u mekkaniżmi ineffikaċi ta' riferiment fil-livell nazzjonali u transnazzjonali ([83]), għadhom qed jipprevjenu lill-vittmi ta' traffikar milli jaċċessaw id-drittijiet li huma intitolati għalihom ([84]). Hu kruċjali li jiġi żgurat li s-sistemi ta' protezzjoni internazzjonali jikkomunikaw mas-sistemi ta' kontra t-traffikar u mal-mekkaniżmi nazzjonali tas-sistemi u jkunu konnessi magħhom ([85]). Protokolli u Proċeduri Operattivi Standard koordinati għandhom jitfasslu bl-involviment ta' atturi mħarrġa u ta' istituzzjonijiet differenti biex din il-konnessjoni ssir aktar effettiva ([86]). Għal tfal vittmi ta' traffikar, għandu jiġi żgurat l-involviment tas-servizzi ta' CP fil-mekkaniżmi ta' riferiment. Madankollu, bħalissa dan għadu limitat ([87]).

L-għodda tal-EASO għall-identifikazzjoni ta' persuni bi bżonnijiet speċjali (ipsn.easo.europa.eu) tinkludi informazzjoni siewja dwar l-identifikazzjoni ta' vittmi ta' traffikar.

Subtaqsima dwar it-THB hi inkluża fil-modulu tal-Kurrikulu ta' Taħriġ tal-EASO dwar il-Ġeneru, l-Orjentazzjoni Sesswali u l-Identità tal-Ġeneru.

Fl-2017 ġie żviluppat u tnieda modulu speċifiku dwar it-THB. Aktar informazzjoni hi disponibbli fuq: https://www.easo.europa.eu/training.

Ara wkoll il-Kummissjoni Ewropea, *Guidelines for the identification of victims of trafficking in human beings, Especially for Consular Services and Border Guards*, 2013.

Għal tfal li ġew identifikati bħala vittmi ta' THB, għandhom ikunu japplikaw il-mekkaniżmu nazzjonali ta' riferiment ([88]) jew struttura/mekkaniżmu simili. L-uffiċjal responsabbli (li jikkonsulta mat-tutur legali) ikollu bżonn jippreserva l-fajl, jivvaluta l-ħtiġijiet ta' protezzjoni internazzjonali u jirreferi wkoll il-każ tat-tfal għal proċeduri speċifiċi eżistenti għall-vittmi ta' traffikar. L-uffiċjal tal-asil għandu jkun jaf bl-għażliet legali u jekk it-tfal jistgħux ikomplu fiż-żewġ proċeduri fl-istess ħin. Dan ikun jiddependi wkoll mill-oqfsa legali u mill-prattika nazzjonali.

B'mod speċifiku, kwalunkwe indikazzjoni li t-tfal ġew traffikati jew jinsabu f'riskju ta' dan fil-futur, u kwalunkwe kuntatt issoktat man-netwerks ta' traffikar jew ma' netwerks jew ma' persuni kriminali oħra li abbużaw mit-tfal, għandhom jiġu dokumentati. Dan hu irrispettivament minn jekk dan seħħx fil-pajjiż ta' oriġini jew matul l-ivvjaġġar f'pajjiżi ta' tranżitu. L-azzjonijiet ta' segwitu għandhom jittieħdu skont il-bżonn.

([82]) Ara EASO, *Guidance on standards and indicators for the reception of children,* Settembru 2016.

([83]) L-IOM nediet pjattaforma online li fiha Mudell ta' Mekkaniżmu ta' Riferiment Transnazzjonali (TRM), eżitu tal-proġett iffinanzjat mill-UE ta' Azzjoni Transnazzjonali (TACT) u żviluppata bħala riżultat tal-Istrateġija tal-UE għall-qerda tat-traffikar ta' bnedmin 2012-2016 disponibbli fuq https://ec.europa.eu/anti-trafficking/eu-projects-and-funding/transnational-action_en. Bħala riżultat tal-Istrateġija tal-UE 2012-2016, proġett fuq mudell għal riferiment transnazzjonali ġie ffinanzjat mill-Kummissjoni u hu disponibbli fuq https://ec.europa.eu/anti-trafficking/eu-policy/transnational-referral-mechanism-model-%E2%80%93-trm_en.

([84]) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill Rappurtar dwar is-segwitu tal-Istrateġija tal-UE dwar l-Eradikazzjoni tat-traffikar tal-bnedmin u l-identifikazzjoni ta' azzjonijiet konkreti oħra, 4 ta' Diċembru 2017, COM(2017) 728 finali (Rapport ta' Segwitu).

([85]) Il-Kummissjoni, Rapport ta' Progress, COM(2016) 267 finali; Europol, Situation Report on THB, 765175(2016); Il-Kummissjoni, Rapport ta' Segwitu, COM(2017) 728 finali.

([86]) Il-Persunal tal-Kummissjoni, Rapport ta' Progress li Jakkumpanja, SWD(2016) 159 finali.

([87]) Il-Kummissjoni, Rapport ta' Progress, COM(2016) 267 finali jiddikjara li approċċ integrat għall-protezzjoni tat-tfal għandu jkun ibbażat fuq l-istandards tas-CRC, li jinkludu l-aħjar interessi tat-tfal, u t-tisiħ tas-sistemi ta' tutela. FRA, *Handbook on guardianship systems for children deprived of parental care*, 2014 hu ffokat fuq it-tfal vittmi ta' traffikar. B'referenza partikolari għat-tuturi, il-Manwal tal-FRA hu ffokat fuq it-tfal vittmi ta' THB.

([88]) Il-mekkaniżmu nazzjonali ta' riferiment hu proċess ta' identifikazzjoni u ta' sostenn għall-vittmi li hu mfassal biex jagħmilha eħfef għall-aġenziji involuti f'każijiet ta' traffikar biex jikkooperaw u jippermetti l-kondiviżjoni ta' informazzjoni bejn il-pulizija, il-pulizija tal-fruntiera, l-uffiċjali tal-każijiet tal-asil, awtoritajiet rilevanti oħra u organizzazzjonijiet nongovernattivi dwar vittmi potenzjali u l-għoti ta' s-sostenn.

It-tfal li jkunu vittmi ta' traffikar ma jistgħux jiġu perċepiti jew trattati bħala kriminali. Il-protezzjoni, l-assistenza u r-rimedju tagħhom iridu jingħataw il-prijorità dovuta. Riskji speċifiċi għall-ġeneru, tqala, u vulnerabbiltajiet oħra għandhom jitqiesu wkoll bħala parti mill-protezzjoni tagħhom. Ir-reat ta' THB għandu dimensjoni b'saħħitha marbuta mal-ġeneru, bit-traffikar għall-fini ta' sfruttament sesswali li għadu l-forma prevalenti, u l-vittmi li huma fil-parti l-kbira nisa u tfajliet (89).

## *Tipi oħra ta' valutazzjoni tal-vulnerabbiltà*

Spiss, valutazzjoni tal-vulnerabbiltà jkollha ssir biex jiġu applikati garanziji proċedurali jew ta' akkoljenza speċjali jew biex it-tfal jiġu allokati fil-proċedura l-aktar adattata (90). Jekk dan hu l-każ, is-sejbiet għandhom jiġu inkorporati fl-analiżi u jiġu assenjati ponderazzjoni xierqa fil-proċess ta' bbilanċjar tal-elementi rilevanti għall-BIC.

Indikatur ta' vulnerabbiltà jew ta' riskju jista' jirriżutla fi ħtieġa li jew tingħata prijorità lill-każ tat-tfal jew inkella li tiġi posposta l-valutazzjoni tal-każ. Attenzjoni addizzjonali tista' tkun meħtieġa minn speċjalisti fit-THB, minħabba M/QĠF jew minħabba suġġetti oħra, matul il-proċeduri ta' asil. Azzjonijiet ta' segwitu u riferimenti jistgħu jkunu meħtieġa u għandhom jiġu dokumentati. Il-protezzjoni tat-tfal trid tiġi żgurata, u b'hekk l-awtoritajiet rilevanti (tal-asil, ta' akkoljenza, ta' CP, il-pulizija inkarigati biex jevitaw dannu, u kwalunkwe awtorità oħra) għandhom jistabbilixxu mekkaniżmi ta' koordinazzjoni li jippermettu l-kondiviżjoni ta' informazzjoni rilevanti għat-tfal. Il-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni għandhom jikkonformaw mar-regolamenti dwar il-privatezza, jispeċifikaw il-ħtieġa għal riferiment u l-mod kif il-każ jiġi riferut għall-awtorità l-aktar adattata.

### L-Għodda tal-EASO għall-Identifikazzjoni ta' Persuni bi Bżonnijiet Speċjali (IPSN)

Biex jappoġġa lill-Istati Membri fl-identifikazzjoni u l-valutazzjoni ta' bżonnijiet speċjali f'termini ta' garanziji proċedurali u ta' akkoljenza, l-EASO żviluppa għodda interattiva bbażata fuq il-web, aċċessibbli mill-pubbliku f'għadd ta' lingwi tal-UE.

L-Għodda tal-IPSN hija strument prattiku intuwittiv maħsub biex jappoġġa l-identifikazzjoni f'waqtha u kontinwa ta' bżonnijiet speċjali individwali mingħajr ir-rekwiżit ta' għarfien speċjalizzat. Din tibbaża fuq deskrizzjoni ta' indikaturi, relatati ma' kategoriji differenti ta' persuni bi bżonnijiet speċjali potenzjali.

Ladarba l-utent ikun iġġenera l-informazzjoni rilevanti, ikun jista' jagħżel li jistampa jew jissejvja rapport, inkluża selezzjoni ta' elementi differenti. Ir-rapport jista' jkun personalizzat aktar għall-każ partikolari inkwistjoni qabel jiġi ssejvjat u/jew stampat.

L-integrazzjoni tal-Għodda tal-IPSN f'mekkaniżmu nazzjonali, li jkun konformi mal-istandards f'din il-gwida prattika, hi rrakkomandata bħal prattika tajba.

L-għodda hi disponibbli fuq https://ipsn.easo.europa.eu.

(89) Il-Kummissjoni, Rapport ta' Segwitu, COM(2017) 728 finali; Il-Kummissjoni, Rapport ta' Progress, COM(2016) 267 finali; Studji rilevanti ġew ippubblikati bħala riżultati tal-Istrateġija tal-UE lejn il-qerda tat-THB 2012-2016: l-Istudju dwar id-dimensjoni tal-Ġeneru tat-THB, u l-Istudju dwar Gruppi ta' riskju għoli fuq is-sit web tal-UE kontra t-traffikar li l-indirizz tiegħu hu pprovdut fil-ħarsa ġenerali tal-azzjoni tal-UE kontra t-traffikar 2012-2016 u disponibbli fuq https://ec.europa.eu/anti-trafficking/sites/antitrafficking/files/eu_anti-trafficking_action_2012-2016_at_a_glance.pdf

(90) Eż. għall-fini ta' eżenzjoni mill-proċeduri fuq il-fruntiera jew aċċellerati skont l-APD. L-APD tistipula li m'għandhomx jiġu applikati proċeduri speċjali għal tfal mhux akkumpanjati u għal persuni vulnerabbli oħra sakemm l-SM ma jistgħux jiżguraw li dawn se jiġu pprovduti bil-garanziji addizzjonali meħtieġa tul tali proċeduri kollha kemm huma.

# Anness I — Mudell tal-aħjar interessi [91]

Dan il-mudell/din il-lista ta' kontroll joffru lista mhux eżawrjenti u mhux ġerarkika tal-elementi tal-aħjar interessi tat-tfal (BIC) u ta' salvagwardji relatati fil-protezzjoni internazzjonali. Madankollu, l-użu ta' lista ta' kontroll ma jistax iservi biex inaqqas tħassib ġenwin dwar il-benesseri tat-tfal għal sempliċi kontroll ta' darba, minflok proċess kontinwu.

Dan il-mudell/din il-lista ta' kontroll għandhom jiġu aġġustati għall-proċeduri nazzjonali u jintużaw bħala evidenza fil-fajl tat-tfal li ngħatat kunsiderazzjoni primarja lill-BIC. Dan hu proċess dejjem għaddej u, b'hekk, il-mudell jista' jkun dokument ħaj, użat minn kwalunkwe uffiċjal li jaħdem fi ħdan il-proċess ta' asil, filwaqt li jiddokumenta kif il-BIC huma meħuda kontinwament bħala kunsiderazzjoni primarja.

Jekk kwalunkwe waħda mis-salvagwardji ma ġietx implimentata jew ma ngħabritx l-informazzjoni neċessarja, dan għandu jkun indikat, filwaqt li jiġu deskritti r-raġunijiet għaliex ma kienx possibbli li jsir hekk. Dan il-mudell/din il-lista ta' kontroll huma maħsuba bħala gwida biex jgħinu fl-iżgurar li l-informazzjoni ewlenija ngħabret u ġiet dokumentata, u li hemm salvagwardji fis-seħħ.

| MUDELL/LISTA TA' KONTROLL TAL-AĦJAR INTERESSI TAT-TFAL | | | |
|---|---|---|---|
| **MUDELL/LISTA TA' KONTROLL GĦAS-SALVAGWARDJI (bħala parti mill-fajl tal-każ)** | **IVA** | **LE** | **KUMMENTI** |
| Fil-fajl tal-każ: żid min ipprovda input dwar l-aħjar interessi (eż. tutur, edukatur/għalliem, ġenitur tar-rispett, psikologu f'ċentru ta' akkoljenza, eċċ.) | | | |
| Is-sikurezza tat-tfal ġiet żgurata matul il-proċess kollu | | | |
| L-aħjar interessi tat-tfal ġew ivvalutati minn uffiċjali mħarrġa qabel il-proċedura ta' asil mill-awtoritajiet ta' CP/mill-assistenti soċjali. L-atturi involuti fil-valutazzjoni (lista espandibbli (drop down) jekk f'bażi ta' *data* elettronika). | | | |
| L-eżaminazzjoni tal-applikazzjoni tat-tfal ġiet/hi prijoritizzata jew aġġustata fit-tul | | | |
| It-tfal ġew eżentati mill-proċeduri fuq il-fruntiera u aċċellerati fejn rilevanti | | | |
| Ingħataw perjodi xierqa ta' mistrieħ u ta' rkupru lit-tfal | | | |
| Inħatar tutur/rappreżentant indipendenti u kwalifikat mill-aktar fis possibbli sa mill-bidu u dan inżamm involut f'kull stadju, jiġifieri kkonsultat, qasam il-fehmiet tiegħu fil-proċess | | | |
| It-tutur/ir-rappreżentant tat-tfal kien/hu preżenti fl-intervista mat-tfal | | | |
| It-tfal ingħataw pariri legali u kellhom/għandhom konsulent preżenti fi kwalunkwe intervista magħhom | | | |
| Tqiegħed għad-dispożizzjoni interpretu speċjalizzat u/jew imħarreġ matul il-proċess kollu | | | |
| It-tfal ġew informati adegwatament b'mod u f'lingwa xierqa għall-età u huma jifhmu l-proċedura ta' asil. Il-fehim tat-tfal ġie verifikat | | | |
| Il-fehmiet tat-tfal ġew/huma mismugħa u ttieħdu/jittieħdu f'kunsiderazzjoni skont l-età u l-maturità fir-rigward ta' kwalunkwe deċiżjoni meħuda matul il-proċedura ta' asil kollha | | | |

[91] Fit-teżi tal-PhD tagħha, Elianne Zijlstra tiddeskrivi mudell għal interpretazzjoni mingħajr ambigwitajiet tal-kunċett tal-aħjar interessi tat-tfal. Dan il-mudell jgħaqqad flimkien id-drittijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 u fl-Artikolu 6 CRC. L-hekk imsejjaħ "mudell tal-Aħjar Interessi tat-Tfal (BIC)" fih 14-il kundizzjoni ambjentali pedagoġika li huma applikabbli kemm fil-qasam familjari kif ukoll soċjetali. Dawn il-kundizzjonijiet huma maqsuma bejn "Familja, sitwazzjoni kurrenti" inkluż il-"benesseri fiżiku: 1. Kura fiżika adegwata; u 2. Ambjent fiżiku dirett sikur" kif ukoll "Familja, kura u trobbija" inklużi "3. Atmosfera ta' affezzjoni; 4. Ta' sostenn; struttura flessibbli tat-trobbija tat-tfal; 5. Eżempji adegwati mill-ġenitur; 6. Interess". It-tieni, f'"Familja, futur u passat" huma inklużi "7. Kontinwità fil-kundizzjonijiet ta' trobbija, perspettiva futura". It-tielet, f'"Soċjetà, sitwazzjoni kurrenti" huma inklużi "8. Ambjent fiżiku usa' sikur; 9. Rispett; 10. Netwerk soċjali; 11. Edukazzjoni; 12. Kuntatt mal-pari; 13. Eżempji adegwati fis-soċjetà". L-element finali jinsab fir-raba' intestatura umbrella ewlenija "Soċjetà, futur u passat" li tikkonsisti f'"14. Stabbiltà fiċ-ċirkustanzi tal-ħajja, perspettiva futura". E. Zijlstra, '*In the best interest of the child? A study into decision-support tool validating asylum-seeking children's rights from a behavioural scientific perspective*', Groningen: L-Università ta' Groningen 2012 disponibbli fuq https://www.rug.nl/research/portal/files/2448739/Proefschrift_Elianne_Zijlstra_2012.pdf!null

| MUDELL/LISTA TA' KONTROLL TAL-AĦJAR INTERESSI TAT-TFAL | | | |
|---|---|---|---|
| **MUDELL/LISTA TA' KONTROLL GĦAS-SALVAGWARDJI (bħala parti mill-fajl tal-każ)** | **IVA** | **LE** | **KUMMENTI** |
| Il-fehmiet u d-dikjarazzjonijiet tat-tfal ġew ikkunsidrati b'mod separat minn dawk tal-ġenituri matul il-valutazzjoni tal-BIC | | | |
| Il-fehmiet tat-tutur (u/jew tal-ġenituri/membri tal-familja) ġew reġistrati u tqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-awtorità responsabbli | | | |
| Il-kunfidenzjalità tal-proċess ġiet rispettata u spjegata lit-tfal | | | |
| Ir-raġunament/il-motivazzjoni/ir-raġunament legali li ħadu l-BIC bħala kunsiderazzjoni primarja ġew dokumentati | | | |
| Il-bżonnijiet speċjali u l-vulnerabbiltajiet tat-tfal ġew identifikati mill-aktar fis possibbli u t-tfal ġew riferuti għall-awtoritajiet xierqa għal assistenza u għal appoġġ rilevanti | | | |
| Ġie konsultat speċjalist jekk kien meħtieġ (psikologu tat-tfal, tabib, esperti oħra) | | | |
| **2. INFORMAZZJONI LI GĦANDHA TINĠABAR U TIĠI DOKUMENTATA (fl-intervisti)** | **IVA** | **LE** | **KUMMENTI** |
| *Data* personali nġabret u ġiet reġistrata (nazzjonalità, ġeneru, età, etniċità, edukazzjoni, lingwa, saħħa, storja tal-familja, marki tas-swaba' skont il-liġi nazzjonali u tal-UE) | | | |
| Dettalji tal-familja possibbli (inkluża l-familja estiża) preżenti fi Stati Membri oħra, fil-pajjiż ta' oriġini jew f'pajjiż terz ieħor inġabru u ġew dokumentati | | | |
| L-aħħar kuntatt mal-membri tal-familja magħruf u d-dettalji ta' kuntatt tagħhom ġew reġistrati u r-raġunijiet għas-separazzjoni mill-familja (jekk applikabbli) ġew reġistrati | | | |
| Konnessjonijiet, inklużi netwerks soċjali, rabtiet mas-soċjetà nġabru mill-awtorità ta' CP/minn assistent soċjali | | | |
| Ir-rapporti tal-esperti ġew inklużi kif meħtieġ (rapporti mediċi, rapporti tal-pulizija, eċċ.) | | | |
| It-tħassib identifikat (li jinkludi abbuż, trawma, vjolenza, bżonnijiet speċjali/vulnerabbiltà, problemi mediċi, eċċ.) ġie reġistrat | | | |
| It-tħassib dwar it-tfal li jkunu f'riskju għoli ta' THB, jew indikazzjonijiet li t-tfal huma vittma ta' THB, ġew reġistrati | | | |
| It-tfal u t-tutur/ir-rappreżentant (fejn rilevanti) huma pprovduti b'deċiżjoni dwar l-asil bil-miktub u motivata (li tispjega, fost l-oħrajn, kif l-aħjar interessi tat-tfal ittieħdu bħala kunsiderazzjoni primarja), spjegata wkoll oralment b'mod imfassal apposta għall-età u f'lingwa li t-tfal jistgħu jifhmu | | | |

# Anness II — Dokumenti ta' politika u ta' gwida

Dan l-anness hu maħsub biex iservu bħala referenza tal-pubblikazzjonijiet u tad-dokumenti ta' gwida rilevanti dwar l-implimentazzjoni tal-aħjar interessi tat-tfal għall-prattikanti tal-asil. Għad li ttieħed kull sforz biex tiġi pprovduta lista komprensiva ta' pubblikazzjonijiet u ta' dokumenti ta' politika dwar is-suġġett, il-lista ta' hawn taħt m'għandhiex titqies bħala eżawrjenti.

| Dokument | Disponibbli fuq |
|---|---|
| EASO Online Tool for the Identification of Persons with Special Needs (2016) | https://ipsn.easo.europa.eu |
| EASO Practical Guide on Age Assessment Practice (2018) | https://www.easo.europa.eu/training-quality/vulnerable-groups |
| EASO Practical Guide on Family Tracing (2016) | https://www.easo.europa.eu/training-quality/vulnerable-groups |
| Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea li tindirizza t-THB (2017) | https://ec.europa.eu/home-affairs/sites/homeaffairs/files/e-library/documents/policies/organized-crime-and-human-trafficking/trafficking-in-human-beings/docs/20171204_communication_reporting_on_follow-up_to_the_eu_strategy_towards_the_eradication_of_trafficking_in_human_beings.pdf |
| *FRA Handbook on Guardianship for children deprived of parental care — A handbook to reinforce guardianship systems to cater for the specific needs of child victims of trafficking* (2014) | http://fra.europa.eu/en/publication/2014/guardianship-children-deprived-parental-care-handbook-reinforce-guardianship |
| Save the children, *Handbook and Toolkit on Unaccompanied and Separated Children* of the interagency working group on unaccompanied and separated children, 2017 | https://resourcecentre.savethechildren.net/library/toolkit-unaccompanied-and-separated-children |
| UNHCR u Unicef Safe and Sound: what States can do to ensure respect for the best interests of unaccompanied and separated children in Europe (2014) | http://www.refworld.org/docid/5423da264.html |
| *UNHCR Guidelines on Determining the Best Interests of the Child* (2008) | http://www.unhcr.org/4566b16b2.pdf |
| *Field Handbook for the Implementation of UNHCR BID Guidelines* (2011) | http://www.unhcr.org/50f6d27f9.pdf |
| *Handbook and Toolkit on Unaccompanied and Separated Children of the Inter-agency Working Group on Unaccompanied and Separated Children* (2017) | https://resourcecentre.savethechildren.net/library/toolkit-unaccompanied-and-separated-children |
| *UNHCR: Considering the Best Interests of a Child within a Family Seeking Asylum* (2013) | http://www.refworld.org/pdfid/52c284654.pdf |
| *UNHCR/UNICEF/IRC: The Way Forward to Strengthened Policies and Practices for Unaccompanied and Separated Children in Europe*, July 2017 | http://www.refworld.org/docid/59633afc4.html |
| UNHCR Guidelines on Policies and Procedures in Dealing with Unaccompanied Children Seeking Asylum (1997) | http://www.unhcr.org/3d4f91cf4.html |
| UNHCR, *Guidelines on International Protection No 8: Child Asylum Claims under Articles 1(A)2 and 1(F) of the 1951 Convention*, 2009 | http://www.refworld.org/docid/4b2f4f6d2.html |
| Unicef, *Let's Talk — Developing Effective Communication with Child Victims of Abuse and Human Trafficking*, 2004 | http://www.childtrafficking.org/pdf/user/handbook_lets_talk_a5_eng.pdf |
| Unicef, *Working Paper on Age Assessment*, 2013 | https://www.unicef.org/protection/files/Age_Assessment_Note_final_version_(English).pdf |

# Anness III — Qafas legali

Dan l-anness jiġbor fih id-dispożizzjonijiet l-aktar rilevanti dwar is-suġġett tal-BIC previsti fl-istrumenti legali Internazzjonali u Ewropej. Madankollu, il-kontenut m'għandux jitqies eżawrjenti. Jinkludi wkoll referenzi għal strumenti legali nonvinkolanti pertinenti għall-fini tal-gwida prattika. Finalment, dan jinkludi taqsima vojta li trid timtela mill-utenti ta' din il-gwida bid-dispożizzjonijiet u bl-istrumenti rilevanti li ġew żviluppati fil-livell nazzjonali ([92]).

## *Leġiżlazzjoni internazzjonali*

| Dispożizzjoni legali | | Artikolu rilevanti |
|---|---|---|
| Il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal tal-20 ta' Novembru 1989 (CRC) | Familja | Preambolu |
| | Tfal | Artikolu 1 |
| | Nondiskriminazzjoni | Artikolu 2 |
| | L-aħjar interessi tat-tfal | Artikoli 3(1), 9(3), 18(1), 20 |
| | Reġistrazzjoni, isem, nazzjonalità u tħaris mill-ġenituri | Artikolu 7 |
| | Preservazzjoni tal-identità u tar-relazzjoni tal-familja | Artikolu 8 |
| | Dritt għaż-żamma ta' relazzjonijiet u ta' kuntatt personali | Artikolu 9 |
| | Ir-restawr tar-rabtiet tal-familja | Artikoli 10, 22(2) |
| | Rispett għall-fehmiet tat-tfal: id-dritt li jiġu mismugħa | Artikolu 12 |
| | Tħaris u akkomodazzjoni | Artikolu 20 |
| | Tfal refuġjati u traċċar tal-familja | Artikolu 22 |
| Il-Konvenzjoni tan-NU Relatata mal-Istatus tar-Refuġjati 1951 u l-Protokoll Relatat mal-Istatus tar-Refuġjati 1967 | Refuġjati<br>Tfal mhux akkumpanjati | L-Ittra B(2) tal-Att Finali Nru 2545 tal-Konferenza tan-NU ta' Plenipotenzjarji dwar l-istatus tar-refuġjati u tal-persuni apolidi |

([92]) Komunikazzjoni, Il-protezzjoni tat-tfal migranti, COM(2017) 211 finali: L-aħjar interessi tat-tfal iridu jiġu vvalutati u jitqiesu bħala l-kunsiderazzjoni primarja fl-azzjonijiet jew fid-deċiżjonijiet kollha li jikkonċernawhom. Huwa importanti li l-Unjoni Ewropea tipprovdi gwida ulterjuri dwar dan is-suġġett, filwaqt li tibni fuq l-istandards internazzjonali. Determinazzjoni robusta tal-aħjar interessi tat-tfal, fl-identifikazzjoni tal-aktar soluzzjoni dejjiema xierqa għalihom, għandha tinvolvi salvagwardji proċedurali addizzjonali, fid-dawl tal-impatt enormi li din id-deċiżjoni jkollha fuq il-futur tat-tfal.

## Leġiżlazzjoni tal-UE

| Dispożizzjoni legali | | Artikolu rilevanti |
|---|---|---|
| It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea | Id-drittijiet tat-tfal | Artikolu 3(5) |
| Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea | Dritt għall-asil | Artikolu 18 |
| | Id-drittijiet tat-tfal | Artikolu 24 |
| Il-Kodiċi tal-Fruntieri ta’ Schengen (Regolament 562/2006) Ir-Regolament 2016/399 (kodifikazzjoni) | Miżuri proċedurali mfassla apposta għat-tfal | Artikolu 19/20(1)(f), Anness VII, punt 6 |
| Id-direttiva dwar il-kondizzjonijiet ta’ akkoljenza (Direttiva 2013/33/UE) riformulazzjoni | Minorenni | Artikolu 2(d) |
| | Tfal mhux akkumpanjati | Artikolu 2(e) |
| | Membri tal-familja | Artikolu 2(c) |
| | Rappreżentant | Artikolu 2(j) |
| | L-aħjar interessi tat-tfal u l-unità tal-familja | Premessa (9), Artikolu 12 |
| | L-aħjar interessi tat-tfal | Premessa (22), Artikoli 2(j), 11(2), 23, 24 |
| | Persuni vulnerabbli | Artikoli 21, 22 |
| | Dokumentazzjoni | Artikolu 6 |
| | Traċċar tal-familja | Artikolu 24(3) |
| Id-Direttiva dwar il-proċeduri ta’ asil (Direttiva 2013/32/UE) riformulazzjoni | Minorenni | Artikolu 2(l) |
| | Tfal mhux akkumpanjati | Artikolu 2(m) |
| | Rappreżentant | Artikolu 2(n) u Artikolu 25 |
| | L-aħjar interessi tat-tfal | Premessa 33, Artikoli 2(n), 25(1)(a), 25(6) |
| | Dritt għall-informazzjoni | Artikolu 25 |
| | Oħrajn | Artikoli 14(1), 24, 25 |
| Id-direttiva dwar il-kwalifiki (Direttiva 2011/95/UE) riformulazzjoni | Minorenni | Artikolu 2(k) |
| | Membri tal-familja | Artikolu 2(j) |
| | Tfal mhux akkumpanjati | Artikolu 2(l) |
| | L-aħjar interessi tat-tfal u l-unità tal-familja | Premessa 18 |
| | L-aħjar interessi tat-tfal | Premessi 19, 27, 38, Artikoli 20(5), 31(4) sa (5) |
| | Dritt li jiġu mismugħa/dritt ta’ parteċipazzjoni, dritt għall-informazzjoni | Artikolu 22, 31 |
| | Iż-żamma tal-unità tal-familja | Artikolu 23 |
| | Traċċar tal-familja | Artikolu 31(5) |

| Dispożizzjoni legali | | Artikolu rilevanti |
|---|---|---|
| Ir-Regolament ta' Dublin (Regolament tal-UE 604/2013) riformulazzjoni | Minorenni | Artikolu 2(i) |
| | Tfal mhux akkumpanjati | Artikolu 2(j) |
| | Membri tal-familja | Artikolu 2(g) |
| | Qraba | Artikolu 2(h) |
| | Rappreżentant | Artikolu 2(k) |
| | L-aħjar interessi tat-tfal u l-unità tal-familja | Premessa 16 |
| | L-aħjar interessi tat-tfal | Premessa 13, 24, 35, Artikoli 2(k), 6, 8, 20(3) |
| | Dritt għall-informazzjoni | Premessa 4 u Anness XI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 118/2004 |
| | Identifikazzjoni tal-membri tal-familja u tal-qraba | Premessa 35 |
| | Traċċar tal-familja, identifikazzjoni tal-membri tal-familja u tal-qraba | Artikolu 6(4), 8 |
| | Skambju ta' informazzjoni dwar it-tfal | Anness VII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 118/2014 |
| | Skambju ta' informazzjoni dwar il-familja | Anness VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 118/2014 |
| Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni 118/2014 | Traċċar tal-familja, identifikazzjoni tal-membri tal-familja u tal-qraba | Artikolu 1(7) Anness II LISTA A(I), LISTA B(I) |
| | Skambju ta' informazzjoni dwar it-tfal | Anness VII |
| | Skambju ta' informazzjoni dwar il-familja | Anness VIII |
| | Informazzjoni għal tfal mhux akkumpanjati dwar il-proċedura ta' Dublin | Anness XI |
| Ir-Regolament Eurodac (Regolament 603/2013) riformulazzjoni | L-aħjar interessi tat-tfal | Premessa 35 |
| Id-direttiva dwar il-ġlieda kontra t-traffikar (Direttiva 2011/36/UE) | Identifikazzjoni tat-tfal vittmi tal-miżuri ta' traffikar u ta' protezzjoni | Premessa 23 |
| | Tfal | Artikolu 2(6) |
| | Vulnerabbiltà | Artikolu 2(2) |
| | L-aħjar interessi tat-tfal | Premessa 8, 22, 23, Artikoli 13, 16(2) |
| | Salvagwardji proċedurali f'investigazzjonijiet kriminali | Artikolu 15 |
| | Protezzjoni ta' tfal vittmi ta' THB mhux akkumpanjati | Artikolu 16 |
| Id-direttiva dwar il-permess ta' residenza maħruġ lil vittmi tat-traffikar fi bnedmin (Direttiva 2004/81/KE) | Tfal mhux akkumpanjati | Artikolu 2(f) |
| | L-aħjar interessi tat-tfal | Artikolu 10(a) |
| | Identifikazzjoni bħala tfal mhux akkumpanjati | Artikolu 10(c) |
| | Traċċar tal-familja | Artikolu 10(c) |

| Dispożizzjoni legali | | Artikolu rilevanti |
|---|---|---|
| Id-direttiva dwar ir-riunifikazzjoni tal-familja (Direttiva 2003/86/KE) | Tfal mhux akkumpanjati | Artikolu 2(f) |
| | Riunifikazzjoni tal-familja | Artikolu 2(d) |
| | Membri tal-familja | Artikolu 4 |
| | L-aħjar interessi tat-tfal | Artikolu 5 |
| | Ir-restawr tar-rabtiet tal-familja | Artikolu 4, 10 |

## *Strumenti legali Nonvinkolanti*

| |
|---|
| Il-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, Kumment Ġenerali Nru 6 (2005): It-Trattament ta' Tfal Mhux Akkumpanjati u Separati Barra l-Pajjiż ta' Oriġini tagħhom, 1 ta' Settembru 2005, CRC/GC/2005/6. |
| Il-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, Kumment ġenerali Nru 12 (2009) Id-dritt tat-tfal li jiġu mismugħa, 1 ta' Lulju 2009 CRC/C/GC/12. |
| Il-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, Kumment ġenerali Nru 13 (2011) dwar id-drittijiet tat-tfal għal libertà minn kull forma ta' vjolenza, 18 ta' April 2011, CRC/C/GC13. |
| Il-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal (il-Kumitat CRC), Kumment ġenerali Nru 14 (2013) dwar id-dritt tat-tfal li jkollhom l-aħjar interessi tagħhom meħuda bħala kunsiderazzjoni primarja, 29 ta' Mejju 2013, CRC/C/GC/14. |
| Il-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, Kumment Ġenerali Nru 20 (2016) dwar l-implimentazzjoni tad-drittijiet tat-tfal matul l-adoloxxenza, 6 ta' Diċembru 2016, CRC/C/GC/20. |
| Il-Kumitat tan-NU dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Ħaddiema Migranti Kollha u tal-Membri tal-Familji Tagħhom (CMW), Kumment ġenerali konġunt Nru 4 (2017) tal-Kumitat dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Ħaddiema Migranti Kollha u tal-Membri tal-Familji Tagħhom u Nru 23 (2017) tal-Kumitat dwar id-Drittijiet tat-Tfal dwar L-obbligi tal-Istat rigward id-drittijiet tal-bniedem tat-tfal fil-kuntest tal-migrazzjoni internazzjonali fil-pajjiżi ta' oriġini, ta' tranżitu, ta' destinazzjoni u ta' ritorn, 16 ta' Novembru 2017, CMW/C/GC/4-CRC/C/GC/23. |
| Il-Kumitat tan-NU dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Ħaddiema Migranti Kollha u tal-Membri tal-Familji tagħhom (CMW), , Kumment Ġenerali Konġunt Nru 3 (2017) u Nru 22 (2017) tal-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal dwar il-prinċipji ġenerali rigward id-drittijiet tal-bniedem tat-tfal fil-kuntest tal-migrazzjoni internazzjonali) 16 ta' Novembru 2017, CMW/C/GC/3-CRC/C/GC/22. |

# Anness IV — Biblijografija

Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa, *Riżoluzzjoni 1468 (2005) dwar żwiġijiet furzati u żwiġijiet tat-tfal*, 5 ta' Ottubru 2005.

EASO, *Gwida dwar il-kundizzjonijiet tal-akkoljenza għal tfal mhux akkumpanjati: standards u indikaturi operattivi*, 2018.

Il-Kummissjoni Ewropea, *Id-drittijiet tal-UE għall-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin*, 2013.

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, Ġustizzja adattata għat-tfal — Perspettivi u esperjenzi ta' tfal involuti fi proċedimenti ġudizzjarji bħala vittmi, xhieda jew partijiet f'disa' Stati Membri tal-UE, 2017.

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, *L-immappjar tar-rekwiżiti tal-età minima rigward id-drittijiet tat-tfal fl-UE: Żwieġ bil-kunsens ta' awtorità pubblika u/jew figura pubblika*, 2017.

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, *Rapport dwar id-Drittijiet Fundamentali*, 2018.

L-Unjoni Ewropea, Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, 26 ta' Ottubru 2012, 2012/C 326/02.

L-Unjoni Ewropea, Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, *Rappurtar dwar is-segwitu tal-Istrateġija tal-UE dwar l-Eradikazzjoni tat-traffikar tal-bnedmin u identifikazzjoni ta' azzjonijiet konkreti oħra*, 4 ta' Diċembru 2017, COM(2017) 728 final.

L-Unjoni Ewropea, Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, *Il-protezzjoni tat-tfal migranti*, SWD(2017) 211 final.

Unjoni Ewropea, Migrazzjoni u Affarijiet Interni, *European Migration Network Glossary*, version 6, (Glossarju tan-Network Ewropew dwar il-Migrazzjoni, verżjoni 6,) Marzu 2018.

L-Unjoni Ewropea, *Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-progress li sar fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin*, 19 ta' Mejju 2016, COM(2016) 267 final.

L-Unjoni Ewropea, *id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1523 tat-14 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi miżuri proviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja u tal-Greċja*.

Europol, *Situation Report: (Rapport tas-Sitwazzjoni:) Trafficking in human beings in the EU (It-traffikar tal-bnedmin fl-UE)*, 765175, Frar 2016.

Separated Children in Europe Programme, *Statement of Good Practice (Il-Programm Tfal Mifrudin fl-Ewropa, Dikjarazzjoni ta' Prassi Tajba)*, Marzu 2010, ir-4a' edizzjoni riveduta.

Il-Kummissjoni Għolja tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati, Conclusion on Children at Risk (Konklużjoni dwar it-Tfal f'Riskju) nru 107, A/AC.96/10485, Ottubru 2007.

Zijlstra, A.E., *In the best interest of the child: (Fl-aħjar interess tat-tfal:) A study into decision-support tool validating asylumseeking children's rights from a behavioural scientific perspective (Studju dwar għodda ta' appoġġ għat-teħid tad-deċiżjonijiet li tivvalida d-drittijiet tat-tfal li qed ifittxu l-ażil minn perspettiva xjentifika tal-imġiba)*, Teżi tal-PhD, Groningen: Università ta' Groningen 2012.

## Kif tikkuntattja lill-UE

### Personalment

Madwar l-Unjoni Ewropea kollha hemm mijiet ta' ċentri ta' informazzjoni tal-Europe Direct. Tista' ssib l-indirizz tal-eqreb ċentru għalik f'dan is-sit: https://europa.eu/european-union/contact_mt

### Bit-telefown jew bil-posta elettronika

Europe Direct huwa servizz li jwieġeb il-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea. Tista' tikkuntattja dan is-servizz:

— bit-telefown bla ħlas: 00 800 6 7 8 9 10 11 (ċerti operaturi jafu jimponu ħlas għal dawn it-telefonati),

— fuq dan in-numru standard: +32 22999696, jew

— bil-posta elettronika permezz: https://europa.eu/european-union/contact_mt

## Kif issib tagħrif dwar l-UE

### Online

L-informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE hija disponibbli fuq is-sit web Europa fuq: https://europa.eu/european-union/index_mt

### Pubblikazzjonijiet tal-UE

Tista' tniżżel mill-internet jew tordna l-pubblikazzjonijiet tal-UE, li xi wħud minnhom huma bla ħlas u xi oħrajn bil-ħlas, minn: https://op.europa.eu/mt/publications. Kopji multipli ta' pubblikazzjonijiet bla ħlas tista' tiksibhom billi tikkuntattja lil Europe Direct jew liċ-ċentru tal-informazzjoni lokali tiegħek (ara https://europa.eu/european-union/contact_mt).

### Il-liġi tal-UE u dokumenti relatati

Għal aċċess għall-informazzjoni legali tal-UE, inkluż il-liġijiet kollha tal-UE mill-1952 'l hawn, fil-verżjonijiet lingwistiċi uffiċjali kollha, żur is-sit EUR-Lex hawnhekk: http://eur-lex.europa.eu

### *Data* Miftuħa mill-UE

Il-portal tad-*Data* Miftuħa mill-UE (http://data.europa.eu/euodp/mt) jipprovdi aċċess għal settijiet tad-*Data* mill-UE. Id-*Data* tista' titniżżel mill-internet u tintuża mill-ġdid bla ħlas, kemm għal skopijiet kummerċjali kif ukoll mhux kummerċjali.

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea